# IL-PULIZIJA

MAGAZINE

PULIZIJA TA' MALTA

DOMINE DIRIGE NOS

Harga Vol 9 - No. 10






CAC
ESTABLISHED 1894
CAPT. A. CARUANA

SOLE AGENTS: CAPTAIN A. CARUANA LTD. REPUBLIC STREET, VALLETTA. TEL: 246202/245903.



9 **Sir George Borg, 1887-1954**



27 **Tberik ta' l-Oqbra**



31 **Il-Muzew tal-Pulizija**

# IL-PULIZIJA MAGAZINE

## F'DIN IL-ĦARĠA


**2** Memorandum

**3** Editorjal

**5** Ittra lill-Editur

**9** Sir George Borg

**13** My World of Dogs

**14** Tour ta' Malta

**15** Delitti Misterjużi

**19** The Scene of Crime

**22** Għaqda Pulizija Pensjonanti

**24** Obitwarju

**25** Ġabra ta' l-Appelli

**27** Tberik ta' l-Oqbra

**29** Transport in Malta

**31** Il-Mużew tal-Pulizija

**35** An Amateur Radio

**36** Il-Pulizija u l-Gwerra

**39** Apprezzament

**40** Qattiela Famużi



*Designed, Typeset and Printed at*

**VOGUE**
QUALITY PRINTERS

314/318, Mdina Road, Qormi QRM 08, Malta.
Tel: 498878, 487150 - Fax: 493337

# Memorandum

## Il-modernizzazzjoni fil-Korp tal-Pulizija

**Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija**
**Florjana - 7 ta' Mejju 1997.**

Wara l-konferenza stampa mogħtija mill-Prim Ministru, nixtieq ngħarrafkom dwar kif inhi l-qagħda tal-proċess għall-modernizzazzjoni fil-Korp.

Bħalma tafu fid-19 ta' Diċembru 1996, il-Management Systems Unit kienet inkarigata mill-Prim Ministru sabiex tħejji rapport dwar l-istruttura organizzattiva u maniġerjali tal-Korp. Ir-rapport, li ġie sottomess fis-6 ta' Jannar 1997, jittratta dwar l-aktar erba' oqsma ewlenin li jinfluwenzaw il-mod kif il-korp jiffunzjona b'effiċjenza. Dawn l-oqsma huma: il-leġislazzjoni; l-ippjanar strateġiku; il-kontroll u t-trasparenza; u kif jitmexxew l-operazzjonijiet.

Wara li ġejt ikkonsultat dwar il-kontenut u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport, sar ukoll proċess ta' konsultazzjoni magħkom ilkoll taħt id-direzzjoni tal-Ministru bla Portafol is-Sur Joe Mizzi. Fl-istess waqt, intalbu l-kummenti tal-pubbliku in ġenerali, korpi kostitiwiti, kif ukoll il-Kunsilli Lokali. Dan il-proċess intemm fit-28 ta' Frar 1997. Fl-istess żmien, inħatar konsulent tal-pulizija mill-'Overseas Development Agency' (ODA) biex jagħti pariri dwar il-validita tar-rapport mil-lat ta' operazzjonijiet u funzjonijiet tal-pulizija. Ir-rispons tagħkom u tal-pubbliku in ġenerali tista' tgħid kien pożittiv. Ġeneralment il-kummenti kienu jittrattaw dwar is-servizz mogħti mill-pulizija lill-pubbliku, kif ukoll dwar l-operat ta' ċerti attivitajiet mill-pulizija. Il-konsulent ta' l-ODA ta l-appoġġ tiegħu għar-rakkomandazzjonijiet ewlenin li saru fir-rapport. B'hekk il-kummenti kollha ġew ippubblikati f'rapport f'Marzu ta' l-1997.

### Programm ta' modernizzazzjoni

Fuq il-bażi tar-rapporti sottomessi lill-Prim Ministru, kif ukoll ir-rispons tagħkom, tal-pubbliku, medja, korpi konstitwiti u l-Kunsilli Lokali, il-Gvern iddeċieda dwar it-tibdiliet li ser jintroduċi sabiex jimmodernizza l-Korp tagħna.

Il-Programm ta' Modernizzazzjoni fil-Korp se jitnieda mill-Gvern b'effett immedjat u jikkonsisti f'dan li ġej:

### L-Operat

L-istruttura tal-Korp tagħna se tiġi riveduta bil-ħsieb li jkunu separati l-attivitajiet prinċipali tal-pulizija minn dawk amministrattivi. Il-Korp se jkun magħmul minn żewġ diviżjonijiet:

Id-Diviżjoni tal-Field Operations li tkopri l-attivitajiet prinċipali ta' xogħol tal-pulizija. Din id-diviżjoni se tkun magħmula minn membri tal-Korp u titmexxa mid-Deputat Kummissarju li jkun responsabbli għall-Prosecution Unit, Control Room, Lock-Up u QM Stores Strong Room. Id-diviżjoni tkun magħmula mit-tlett dipartimenti li ġejjin:
Id-District Policing Department, li jkun responsabbli għad-distretti u l-kriminalita organizzata. Il-Protective Services Department, li jkun responsabbli għall-operazzjonijiet li jeħtieġu tattika speċjali, Administrative Law Enforcement, Road Patrol u kontroll fit-toroq. L-Investigative Services Department, li jkun responsabbli għall-iskwadra kontra d-drogi u l-vizzji, kriminalit kummerċjali, armi illegali u immigrazzjoni, kriminalita' vjolenti, serq u servizzi tekniċi.

Id-Diviżjoni ta' l-Amministrazzjoni (Riżorsi Umani, Finanzi u Amminstrazzjoni; Servizzi ta' informazzjoni; operazzjonijiet), li tkun responsabbli għall-funzjonijiet amministrattivi tal-Korp. F'din id-diviżjoni se jaħdmu nies li mhumiex fil-Korp. Għalhekk pulizija li bħalissa qed jagħmlu xogħol amministrattiv, fil-futur se jagħmlu xogħol fid-diviżjoni tal-Field Operations. L-attivitajiet li ġejjin, inkluż xogħlijiet ta' snajja u teknika, mhux se jibqgħu jsiru mill-membri tal-Korp. Dawn huma: Principal Citiations Office; Criminal Records Office; Data Processing u Weapons Office.

Ser titwaqqaf Unit għall-Prosekuzzjonijiet fi ħdan il-korp tagħna. Filwaqt li jiġi żgurat li l-pulizija tkompli bil-prosekuzzjoni, il-ħin meħtieġ biex l-uffiċjali jattendu l-qrati jitnaqqas.

Sabiex it-tibdil fl-istruttura tal-korp tkun suċċess, se jsir studju għall-aħjar użu tar-riżorsi sabiex dawn jiġu applikati għall-ħtiġijiet futuri; issir valutazzjoni ta' kemm hi effettiva s-sistema preżenti tax-'shifts'; l-użu ta' l-Għases; ir-rwol tal-Pulizija Nisa; jekk hux qed isir użu tajjeb tas-sahra; l-għoti ta' 'allowances'; u r-rati għolja ta' persuni li jieħdu s-'sick leave'.

L-attivitajiet li ġejjin huma identifikati bħala oqsma li ma jagħmlux parti mix-xogħol prinċipali tal-pulizija u għalhekk se jiġu trasferiti lejn oqsma fis-servizz pubbliku. Dawn huma: id-dmirjiet kollha fil-Faċilita ta' Kordin - inkluż it-trasport tal-priġunieri minn u lejn Kordin; l-iskwadra tat-Tifi tan-Nar li magħha se jiżdied is-salvataġġ; ir-responsabbilta tal-Karti ta' l-Identita; xogħol magħmul mill-Uffiċju tas-'Civil Status'; responsabbilta għal-liċenzji li m'għandhomx x'jaqsmu mas-sigurta; responsabbilta għall-Bord tal-Liċenzji u dwar il-bord ta' l-appelli; u x-xogħol li għandu x'jaqsam mal-kontroll tal-passaporti, għalkemm aħna se nibqgħu responsabbli għat-tmexxija ta' din il-funzjoni.

Il-pulizija se tkompli bil-ġurisdizzjoni dwar xogħol fuq it-toroq (road blocks, patrols). L-attivitajiet tal-Forzi ta' Malta f'dan il-qasam ikunu supplimentari u b'koordinament magħna. Min-naħa l-oħra, ir-responsabbilta għas-sorveljanza ta' l-ibħra Maltin kontra d-droga, immigranti illegali u kutrabandu tibqa' għand il-Forzi Armati ta' Malta, u fejn hemm bżonn aħna nagħtu l-għanjuna tagħna.

L-istruttura preżenti tat-tmexxija ta' l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani se terġa' tinbena mill-ġdid. Fost affarijiet oħra, se tingħata ħarsa mill-qrib lejn ir-rwol, il-konstituzzjoni u l-organizzazzjoni tal-Academy for Criminal Justice. Ser issir ukoll analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ biex

*Continues on page 7*

# Editorjal

Fis-26 ta' Ottubru 1996, pajjiżna kellu l-elezzjoni ġenerali u anke forsi l-aktar elezzjoni kwieta li qatt kellna; grazzi għall-koperazzjoni murija minn kulħadd.

### Sehem il-pulizija

Il-korp tal-pulizija, bħal kull elezzjoni li saret s'issa, kellu sehem importanti x'jagħti, kemm qabel, matul u wara r-riżultat ta' l-elezzjoni. Sigħat twal ħafna ta' xogħol biex jiżgura li jkun hawn il-kalma u l-kwiet fil-pajjiż kif wara kollox jixraq lill-pajjiż demokratiku.

### Miżura

Hekk kif ħa l-ġurament tal-ħatra, il-Prim Ministru Dr Alfred Sant li huwa wkoll il-Ministru responsabbli mill-pulizija, beda biex iwettaq waħda mill-wegħdi tiegħu, jiġifieri dik li jorganizza l-korp tal-Pulizija.

### Modernizzazzjoni fil-korp tal-pulizija

Fost il-miżuri msemmija, wieħed irid isemmi r-reviżżjoni ta' l-ordinanza tal-pulizija, il-bidla f'xi provedimenti tal-Kodiċi Kriminali, it-twaqqif tal-Police Board u ħafna affarijiet oħra. Dan tħabbar wara konferenza stampa mogħtija mill-Prim Ministru (Memorandum maħruġ mill-Kwartieri tal-Pulizija 7.5.97) fuq l-organizzazzjoni u l-istruttura Maniġerjali tal-Korp tal-pulizija li anke kien ġie diskuss mal-membri tal-korp kollha fejn anke intalbu kummenti ġenerali mingħand dawk kollha li xtaqu jagħmlu xi kummenti dwar dan ir-rapport li kien ħareġ mill-M.S.U.

### Effiċjenza

Minn dan ir-rapport, wieħed jista' jgħid li mill-kontenut tiegħu, dan ir-rapport ġie mfassal sabiex il-Korp tal-Pulizija jkun aktar effiċjenti u accountable. Dawn huma sfidi ġodda u għandhom ikunu l-għan ewlieni ta' kull membru tal-Korp tal-Pulizija, mill-kbir saż-żgħir sabiex tkun tista tintrebaħ il-ġlieda kontra l-kriminalita u jiġu rrispettati d-drittijiet taċ-ċittadin u vice-versa.

Editur

**Editur:** Pc 512 Martin Ellul

**Membri Bord Editorjal:**
Ps 59 D. Saliba
Wps 21 J. Scerri

**Volume 9 No. 10**
Maħruġ mill-Pulizija

Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat lill:

*Editur "Il-Pulizija",*
*Police Library,*
*Police Headquarters,*
*Floriana CMR 02.*

Abbonamenti għal **"il-Pulizija"** għandhom isiru fl-Indirizz imsemmi għall-prezz ta' żewġ liri Maltin fis-sena, u tirċievi l-magazine id-dar bil-posta.

Il-materjal li jiġi ppublikat f'dan il-magazine mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tal-Board Editorjali.

**"il-Pulizija"** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklami li għoġobhom jagħtuna u nħeġġu lil qarrejja biex jagħmlu użu minnhom.

IL-PULIZIJA MAGAZINE

STATIONERY • ADVERTISING • ADVERTISINGGIFTS • T/SHIRTS • LEAFLETS • STICKERS • LABELS • BROCHURES • MAGAZINES

Advertising

Screen Printing

Offset Printing

Plastics

WHAT EVER THE JOB FROM DESIGN TO FINISH ALL DONE UNDER ONE ROOF

VOGUE

QUALITY PRINTERS

Vogue Limited, 314/318 Mdina Road, Qormi QRM 08, Malta.

Tel: (356) 498878, 487150 - Fax: (356) 493337

E-mail: vogprint@maltanet.omnes.net

VOGUE ADVERTISING SERVICES - A Division of Vogue Labels Limited - Tel: 498878, 487150 - Fax: 493337

# Ittri lill-Editur

*Females in stations*
*It is strictly forbidden to allow females, whether members of the family of constables or not, to be or remain in any Police Station or Barrack room for any purpose other than Police business.*
*There is no objection to female relatives or servants bringing food or clothing to constables at Police Stations, provided they do not remain in or loiter near the Station*

**J. Frendo Azzopardi**
**Senior Assistant Superintendent.**

*Uniform - duty badges*
*Duty Badges will only be worn when on duty and must be removed prior to going off duty. They must be neatly pinned on so that the ends are on the inside of the sleeve. 2. Officers will take steps to see that every Constable is able to put on his duty badge neatly and properly, and that they are worn whenever a Constable is on duty. By Order,*

**J. Frendo Azzopardi**
**Senior Assistant Superintendent.**

*Letter boxes*
*The attention of the members of the Force is drawn to the inconvenience arising from the practice of certain persons congregating around or leaning agains Pillar Posting Boxes, thus interfering with the free access to the boxes.*
*Superintendent of Police directs that every constable on whose beat a Pillar or a Posting Box exists shall pay particular attention to these boxes and shall ask such people as may congregate in close proximity to, or who may be found leaning against any of these Pillar Boxes to move away. In carrying out this duty, it must be understood that unnecessary interference with the public is to be avoided*

**By Order J. Frendo Azzopardi**
**Senior Assistant Superintendent.**

*Wearing of uniform helmets*
*The puggaree of the helmet is to be put on so as to have eight folds as it is when issued, and every member of the Force should take steps to instruct himself as how they are put on so they should be neat and tidy.*
*2. An untidy puggaree is an undightly object, and all ranks must pay particular attention to the manner in which puggarees are worn.*
*3. The spike will continue to be used and the badge is to be fixed that its lower point is to be in the centre of the angle formed by the crossing of the folds of the puggaree.*
*4. Spikes are to be worn only on Sundays, Holidays and special occasions when ordered.*
*5. The chin strap is to be worn down and fixed on the point of the chin as that it will not slip below the chin.*
*By Order,*

**J. Frendo Azzopardi**
**Senior Assistant Superintendent.**

# Standing Order

**Kutenhauser Str. 51**
**D32425 Minden, Germany**

*Dear Sir,*

*My name is Martin Steffen. I am a German student and a police enthusiast. I corresponded with the Malta Police during summer 1995 when you were so kind to assist me with a Malta Police Force shoulder patch for my display.*

*Today, I am again writing as I have a further request. I hope this will not be troublesome for you. I am also collecting Police head dress and I would like to find out if perhaps I could exchange a German Police cap for a spare poaked cap of your force. I shall certainly be very delighted about a cap from Malta. It would enhance my collection and it would be a nice addition to the hats I get from various countries.*

*Obviously I do not know your regulations about such a request and if an exchange of caps is possible, I shall be glad about any help or information you can let me have.*

*Once again, thanks very much for your help in 1995.*

*Dear Sirs/Madam*
*We recently returned from an 11 day holiday in Malta. We enjoyed our trip, your beautiful island, and the friendly and helpful Maltese people.*

*We are writing to let your police band and canine squad know how much we appreciated their performance at the Sliema Seafront during the week of 8 July '96. We heard the band playing and walked to their location and thoroughly enjoyed their musical selections and programme. In addition, we were very impressed with the demonstration by your police dogs and their handlers. The dogs seemed eager to perform their tasks and also seemed to look forward to the applause from the crowd. The officers were firm and exact with their commands, yet gentle and kind to the dogs - a wonderful team.*
*Your police performance was a fine introduction and welcome to Malta. Thank you for offering this excellent programme to the public.*

**Sincerely,**
**Jim and Nancy Cope**

*Dear Sir,*
*I am a petrol sergeant with the Rolling Meadows Police Department. One of my hobbies is collecting Law Enforcement patches from around the world. At present my collection is small but will hopefully grow with time and assistance.*
*I am requesting one of your departments' patches to add to my modest collection.*
*Shoud you desire one of my departments' patches in exchange I will be most happy to send you one.*
*I hope that you will view my request favourably.*

**Respectfully,**
**Sgt. Peter Toppel #23**

# INTERNATIONAL CALL RATES

# AXED!

**WOULD YOU RATHER HAVE A PIZZA OR A GOOD GOSSIP WITH YOUR GRANDDAUGHTER IN MELBOURNE? RATES ARE LOW. DISCOUNT HOURS ARE LONGER. CALL NOW AND YOU'LL SAVE MORE THAN CALORIES**

| | STANDARD | OFF-PEAK | NIGHT |
|---|---|---|---|
| MON - FRI | 08.00-18.00 | 18.00-00.00 | 00.00-08.00 |
| SAT - SUN | | 08.00-00.00 | 00.00-08.00 |
| **AUSTRALIA** | **0.50** | **0.40** | **0.32** |

ALL CHARGES ARE QUOTED IN MALTESE LIRA PER MINUTE INCLUSIVE OF VAT

TELEMALTA CORPORATION

*Ikompli minn paġna 2*

iservi ta' punt tat-tluq għall-iżvilupp ta' pjan ta' taħriġ fil-korp tagħna. Il-kriterji li jintużaw għad-dħul fil-korp kemm ta' uffiċjali kif ukoll ta' membri oħra ser jiġu riveduti sabiex ngħollu l-livell tar-reklutaġġ. Ser nintroduċu wkoll sistema fejn intom tkunu tistgħu tieħdu sponsorship biex tkomplu tistudjaw f'oqsma relatati max-xogħol tagħna.

**Leġislazzjoni**

Se titfassal liġi ġdida tal-pulizija biex tistabbilixxi l-missjoni, ir-responsabbilitajiet u l-limitazzjonijiet tal-Korp. L-Att tas-Servizz tas-Sigurta ser jiġi revokat, u l-partijiet tal-liġi li huma relevanti jiġu integrat fl-Att il-ġdid tal-pulizija. B'hekk inkunu nistgħu naqdu dmirijiet ta' natura ta' sigurta nazzjonali. Il-Kodiċi Kriminali, il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, u leġislazzjonijiet relevanti oħra se jiġu riveduti, sabiex jiġu eliminati d-dispożizzjonijiet qodma li m'għadhomx jgħoddu għaż-żminijiet tal-lum u fejn meħtieġ isiru rakkomandazzjonijiet biex ċerti funzjonijiet fi ħdan il-korp jiġu mgħoddija lil entitajiet oħra. Ser isir studju ieħor sabiex nidentifikaw liema kontravenzjonijiet żgħar jistgħu jiġu depenalizzati, u liema istituzzjonijiet jistgħu jinfurzaw dawk il-kontravenzjonijiet.

Ir-rwol tal-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ser jiġi rivedut u jsiru rakkomandazzjonijiet għat-tisħiħ tagħha.

**Kontroll u trasparenza**

Biex nassiguraw li l-Korp tagħna qed jitmexxa bl-aktar mod trasparenti u effettiv, il-Gvern ser jirrakkomanda lill-Oppożizzjoni li l-poteri tal-Kumitat tal-Kamra tad-Deputati dwar Affarijiet Soċjali jiġu estiżi sabiex isir kontroll estern tal-Korp. Il-Gvern ser jissuġerixxi li dan il-Kumitat ikollu r-responsabbilta li jissorvelja l-Korp tal-pulizija. Dan l-inkarigu jinkludi li, jintalab tagħrif dwar, u jkun rivedut, il-progress tal-Korp; janalizza u jirrevedi l-pjan ta' operazzjonijiet tal-Korp; iħares kif qed isir l-infiq finanzjarju; kif ukoll jipproponi prijoritajiet nazzjonali għall-Korp. L-awtorita għat-tħaddim tal-operazzjonijiet ser titħalla f'idejja.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali ser ikollu il-poter issejjaħli f'każ li jħoss il-bżonn. Min-naħa l-oħra, se titwaqqaf Unit għal Affarijiet Interni li tirrapporta lili. Dan ikun il-mekkaniżmu intern biex ikunu sorveljati u riveduti l-attivitajiet tal-pulizija.

Ser jitwaqqaf Police Board sabiex jirrevedi l-investigazzjonijiet li jkunu saru mill-Internal Affairs Unit dwar ilmenti li jsiru mill-pubbliku kif ukoll jirrevedi materja ta' dixxiplina nterna. Il-Board jagħti wkoll pariri lill-Ministru responsabbli għall-Korp dwar kemm ikunu xierqa l-investigazzjonijiet, kif ukoll dwar kemm ikunu ġustifikati u bilanċjati d-deċiżjonijiet meħuda minni. Il-membri ta' dan il-Bord jinħatru mill-Prim Ministru. Se nħejju u nintroduċu Kodiċi ta' Etika għalina lkoll.

**L-Ippjanar Strateġiku**

Jien se nkun direttament responsabbli għall-attivitajiet ta' żvilupp strateġiku tal-Korp. Għalhekk se jitwaqqaf 'Strategy and Planning Unit'. Ser nibdew naħdmu immedjatament fuq pjan strateġiku għat-tlett snin li ġejjin. Dan il-pjan ser jidentifika l-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-korp tagħna. Il-policy u l-proċeduri fi ħdan il-korp tagħna ser jiġu riveduti ukoll u jekk ikun hemm bħonn jsiru t-tibdiliet neċessarji.

**L-implimentazzjoni**

Filwaqt li ser jitwaqqaf Steering Committee sabiex jara li l-programm jimxi fuq il-linji stabbiliti, il-Korp tal-Pulizija, taħt id-direzzjoni tiegħi, jibqa' responsabbli għat-twettiq tal-Programm ta' Modernizzazzjoni. Iċ-Chairperson ta' l-Isteering Committee ser ikun il-Prim Ministru, jew il-Ministru mingħajr Portafoll għan-nom tal-Prim Ministru. Id-Deputy Chairperson se jkun is-Segretarju Permanenti tal-Home Affairs Division mill-uffiċċju tal-Prim Ministru. Jiena u l-Manager tal-Management Efficiency Unit fi ħdan l-Uffiċju tal-Prim Ministru ġejna nominati membri fuq dan il-kumitat. Innominajt lis-Sur Lawrence Cauchi, Assistent Kummissarju bħala Change Manager għal dan il-programm, sabiex jara li l-bidla meħtieġa titwettaq b'mod effettiv u li jkunu integrati l-proċessi kollha li jkunu għaddejjin.

Il-programm ta' bidla ser jitwettaq fi stadji u t-tibdil li huma sostanzjali se jsir f'perjodu realistiku. Il-proċessi huma komposti minn diversi inizjattivi li jkunu għaddejjin fl-istess ħin, dejjem jekk ikun fiżikament possibli in vista tal-limitazzjonijiet tar-riżorsi. Sabiex nilħqu dan l-għan u biex ir-responsabbilta tkun mifruxa iżjed, ser jitwaqqfu erba' Project Task Forces. Tlieta minn dawn se jiġu mmexxija minn uffiċjali Anzjani tal-Korp. It-task forces ser jiffokaw fuq:

Legal and Accountability Frame Review li jkollu bħala Chairperson lil Dr. Joe Brincat. Organisational Restructuring, li jkollu bħala Chairperson is-Sur Joseph Cachia, Deputat Kummissarju. Strategic Planning, li jkollu bħala Chairperson l-Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi. Human Resource Management and Development, li jkollu bħala Chairperson l-Assistent Kummissarju Andrew Seychell.

Il-Management Efficiency Unit mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru ser jiffaċilitaw u jagħtu s-support tagħhom fejn hemm bżonn. Fejn ikun meħtieġ, il-Project Task Forces jistgħu jutilizzaw esperti sew mill-qasam lokali kif ukoll esperti barranin, fl-oqsma rispettivi, sabiex jilħqu l-għanijiet tagħhom. Huma l-intenzjoni tiegħi u tal-Project Task Forces li jinvolvukom fil-proċess tal-modernizzazzjoni, għalhekk kull membru tal-Korp huwa mistieden jieħu sehem attiv u jagħti l-kontribuzzjoni tiegħu f'dawn il-proġetti.

Bi ħsiebi nżommkom infurmati bl-iżviluppi li jkun hemm b'riżultat ta' dan il-proċess ta' modernizazzjoni. Għal dan il-għan, twaqqfet Employee Relations Office, li ser tkun responsabbli biex tinżamm kommunikazzjoni interna. Dan l-uffiċju ser ikunu immexxi mis-Sur D Leone Ganado.

Ninsab konvint li bid-djalogu u l-kooperazzjoni nilħqu l-għanijiet tagħna u nkunu lkoll kburin li nagħmlu parti minn Korp tal-Pulizija modern. Dan il-modernizzazzjoni se tippreparana għall-millenju l-ġdid u fl-istess ħin tippermettilna li nkomplu nagħtu u nimmiljoraw is-servizz tagħna lejn il-pubbliku.

Nirringrazjakom
**George Grech**
*Kummissarju tal-Pulizija*




You're looking at Lazlo. And, believe it or not, Lazlo is looking at you.

But then he's used to looking at the world through thick, corded hair, he's a Hungarian Puli. At home in Hungary, where his cousins work as sheepdogs, their snug, waterproof coat gives them invaluable protection on the wind blown plains.

Lazlo too, has been well protected right from the start. He was bred and reared by a breeder who knows the value of Pedigree Chum and Pedigree Chum Mixer.

The special combination and balance of proteins, vitamins and minerals have helped him grow from a ball of fluff into a 'Best of Breed' winner. (He's caught the judges' eye on no less than seven occasions.)

So, although you can't actually see the glint in Lazlo's eye for yourself, you can take our word that it's there After all, he's been raised on Pedigree Chum, and there's no better food for him.

It's no wonder so many top breeders recommend it.




Sole Agents & Distributors: **Charles Darmanin & Co. Ltd.** *Luret Cutajar Street, Zebbug ZBG 06. Tel: 463060.*

# Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D. 1887-1954

**Kitba ta' Lino Cuschieri**

SIR GEORGE BORG għandu jibqa' mfakkar bħala l-Prim Imħallef li fl-iktar żmien kritiku tat-Tieni Gwerra Dinija, kellu l-unur li f'isem il-poplu Malti bħala ċ-Ċittadin ewlieni ta' pajjiżna, jirċievi l-"George Ċross" mogħti lil Malta mill-Maesta' Tiegħu r-Re Gorg VI. Barra minn hekk huwa kien magħruf bħala sostenitur konvint u akkanit tar-rabta Anglo-Maltija iżda b'danakollu, huwa kien mogħin wkoll bi spirtu ta' tolleranza kif wara kollox kienet tirrikjedi l-irġulija. Huwa kien jemmen bis-sħiħ li kulħadd kellu d-dritt sagrosant li jesprimi u jsostni l-opinjoni tiegħu mingħajr ebda biża' u bil-liberta kollha. Din l-imġieba u dan l-atteġġjament tolleranti ta' Sir George Borg wassluh biex fl-aħħar mill-aħħar huwa rnexxielu jikseb l-istima u l-ġieh mhux biss ta' dawk ta' madwaru, iżda wkoll ta' dawk li ma kienux jaqblu mat-twemmin tiegħu.

Sir George Borg twieled il-Belt Valletta nhar l-24 ta' April, 1887, iben in-neguzjant Mariano Borg u Rosina xebba Camilleri u ngħata l-ismijiet Giorgio, Emanuele, Infantino u Gaetano.

Huwa rċieva l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-iskola ta' Sigismondo Savona, il-Belt Valletta. Minn hemm, huwa għadda għall-Universita Rjali ta' Malta minfejn iggradwa bħala Prokuratur Legali. Fid-9 ta' Diċembru, 1907, huwa rċieva l-'Warrant' biex jipprattika f'din il-professjoni, u fl-istess żmien, huwa daħal għal kors ta' studji legali fl-



Universita ta' Catania minfejn, fis-6 ta' Diċembru, 1913, huwa kiseb id-Dottorat fil-Ġurispudenza, u erba' xhur wara, kien ġie konfermat bil-għoti tad-Diploma fis-16 ta' April, 1914. Wara dan, huwa kompla l-istudji legali tiegħu f'korsijiet ta' perfezzjonament li huwa segwa f'Ruma u fl-Ingilterra.

Skond ir-regoli stabbiliti fil-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili rigward il-prattika legali f'dawn il-Gżejjer f'dik il-ħabta, Dr George Borg kellu joqgħod għall-eżami quddiem Bord ta' l-Universita Rjali ta' Malta minfejn huwa kiseb suċċess billi għadda mill-eżamijiet kollha meħtieġa tal-Liġi Ċivili, Kummerċjali u Kriminali, kif ukoll oħrajn dwar Liġijiet ta' Proċedura, Liġi Kanonika u Storja tal-Leġislazzjoni. Wara li kiseb il-'Warrant' uffiċjali biex seta' jipprattika bħala Avukat, Dr. George Borg beda jaħdem regolari u biż-żmien kiseb fama bħala awtorita dwar kawżi ta' libell u liġi kostituzzjonali.

Minn avviż li kien deher fil-ġurnal 'The Malta Herald' ta' nhar l-Erbgħa, 7 ta' April, 1920, nafu li l-Avukat George Borg kien ukoll jgħallem fil-Kulleġġ 'Umberto Primo' fil-klassi għall-matrikola. Fis-snin li ġew wara, Sir George Borg ħa sehem attiv bħala 'Chairman' f'bosta Bordijiet u Kummissjonijiet uffiċjali fosthom waħda mwaqqfa biex tirrivedi l-Kodiċijiet Kriminali u Kummerċjali.

## Żwieġ u familja

Nhar it-3 ta' Mejju, 1924, l-Avukat Dr. George Borg iżżewweġ lil Beatrice Farrugia, bint in-neguzjant Paolo Farrugia u Giovanna xebba Giocomotto.

Dan iż-żwieġ ġie ċelebrat fil-Knisja ta' 'Saint Patrick' tas-Salesjani, tas-Sliema mir-Reverendu Saċerdot Alberto Vittorio Panatalleresco bħala delegat tal-Wisq Reverendu Dun Raffaele Capurro, Kappillan tal-Parroċċa Matriċi ta' Stella Maris, tas-Sliema. Ix-xhieda kienu s-Sinjorija Tiegħu l-Onorabbli Sir Arturo Mercieca, Prim Imħallef u President tal-Qorti ta' l-Appell u l-Avukat Dr. Massimiliano Debono.

Minn dan iż-żwieġ, twieldu tlett ulied: Joyce, mart l-avukat Dr Antoine Cachia; Rosemarie, mart Frank Cachia; u Ivan, miżżewweġ ma' Dorothy xebba Azzopardi.

Fil-25 ta' Lulju, 1950, Sir George

*Ikompli Paġna 11*


Plant Hire and
Manufacturers
of Prefabricated
Concrete Products
BALLUT
BLOCKS LTD.
BALLUT BLOCKS LTD
Wied Filep, L/O Naxxar.
Tel: (356) 573093, 572666, 576419, 487738.
Fax: (356) 575562

Borg ġarrab it-telfa ta' martu Lady Beatrice Borg li mietet fl-eta ta' 54 sena. Il-mewt ta' Lady Borg li kienet attiva ħafna fil-ħajja soċjali u karitatevoli ta' pajjiżna, ħalliet effett kbir fuq l-andament tal-ħajja u s-saħħa ta' Sir George Borg.

Lady Beatrice Borg kienet mara ta' ħajja tassew eżemplari, ta' karattru dħuli u fuq kollox, affezzjonata b'mod straordinarju lejn żewġha u wliedha. Hija ħadmet ħafna b'riżq il-bini ta' l-Istitut Kattoliku tal-Furjana, kellha l-kariga ta' President tal-'Catholic Women's League', membru tas-sotto-kumitat tal-'Ladies Hospital Visiting Committee' u President tal-Kumitat għat-tfal abbandunati ta' Malta.

Ġieħ u apparezzament

Dr. George Borg ġie maħtur Membru fl-Ordni ta' l-Imperu Brittaniku (M.B.E) permezz ta' 'Warrant' Irjali ffirmat mill-Maesta Tiegħu r-Re Ġorġ V fit-3 ta' Ġunju, 1918, bħala rikonoxximent għall-ħidma tiegħu matul il-Gwerra l-Kbira tas-snin 1914-1918. Din l-onorefiċenza tħabbret uffiċjalment f'Malta bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 365 imxandra fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-10 ta' Ottubru, 1918.

Is-Sinjorija Tiegħu l-Onorabbli George Borg, Prim Imħallef u President tal-Qorti ta' l-Appell ġie dekorat bit-titolu ta' 'Knight Bachelor' fil-Lista ta' l-Unuri ta' l-għeluq snin ir-Re f'Ġunju, 1942, titolu li tah il-jedd li jissejjaħ 'Sir'. Din il-ħatra ta' Sir George Borg bħala 'Knight Bachelor' kienet ġiet imħabbra uffiċjalment f'Malta permezz tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 282 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Ġunju, 1942. Sir Geoge Borg kellu l-unur li jiġi nvestit b'din id-dekorazzjoni personlament mill-Maesta Tiegħu r-Re Ġorġ VI meta dan kien ġie jżur Malta f'Ġunju, 1943 f'laqgħa speċjali miżmuma apposta fil-Palazz ta' Verdala.



Meta ġie dekorat bit-titolu ta' 'Knight Bachelor', Sir George Borg irċieva ittra ta' kongratulazzjoni mingħand Lord Gort li ġġib id-data tal-11 ta' Ġunju, 1942, u telegramm ta' ferħ mingħand Sir William Dobbie li jġib id-data tal-15 ta' Ġunju, 1942. Ittra oħra ta' ferħ bid-data tal-15 ta' Ġunju, 1942 ġiet mibgħuta lilu mingħand is-sur Piju Savona, iben Sigismondo Savona li tiegħu huwa kien ex-alliev u ħabib.

B'ittra li ġġib id-data ta' l-1 ta' Diċembru, 1942 iffirmata mill-Gvernatur Lord Gort, Sir George Borg kien ġie nominat Membru fil-Kunsill Ġenerali ta' l-Universita Rjali ta' Malta.

Waqt investitura li saret fis-Sala ta' San Mikiel u San Ġor; fil-Palazz tal-Gvernatur il-Belt Valletta, fis-18 ta' Marzu, 1948, Sir George Borg ġie maħtur 'Commander (Brother)' fl-Ordni Venerabbli ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm fir-Renju Unit. Din l-investitura kienet presjeduta minn Sir Harry Luke bħala Delegat tad-Duka ta' Gloucester, Gran Prijur ta' dan l-Ordni, fil-presenza tal-Logutenent Gvernatur Sir David Campbell, il-Prim Ministru Dr. Paul Boffa, dinjitarji u kapijiet tas-Servizzi Ingliżi f'Malta, familjari u ħbieb.

F'April, 1949, Sir George Borg flimkien ma' martu Lady Beatrice Borg kellhom l-unur li jiġu milqugħin f'udjenza speċjali fil-Vatikan mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII.

Xhieda ta' l-istima li kien igawdi Sir George Borg f'ambjenti uffiċjali huwa l-fatt li huwa kien ikun mistieden regolarment flimkien ma' martu Lady Borg għal riċeviment, pranzijiet u ċeni mogħtija mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur kemm fil-palazz tal-Belt Valletta kif ukoll f'dak ta' Sant'Anton.

Waqt żjajjar f'Malta minn persunaġġi distinti, Sir George Borg kien ikun minn ta' l-ewwel biex jiġi ntrodott formalment. Matul il-karriera distinta tiegħu, huwa ltaqa' mal-Maesta Tagħha r-Reġina Elizabetta II meta din kienet Malta bħala Prinċipessa, mad-Duka u mad-Dukessa ta' Gloucester, ma' Sir Winston Churchill, ma' Lord Montgomery u ma' l-Arċisqof W. Godfrey, id-Delegat Apostoliku. F'Ġunju, 1943, Sir George Borg kien ġie ppreżentat lill-Maesta Tiegħu r-Re Ġorġ VI mill-Gvernatur Lord Gort waqt li r-Re kien qiegħed iżur Malta u f'Diċembru ta' l-istess sena, huwa ltaqa' wkoll mal-President Roosevelt ta' l-Amerika meta dan ġie jżur Malta għal żjara uffiċjali.

*Ikompli paġna 17*

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**FORT ROAD, MOSTA, MALTA**

Telephone 441132-440111

Cables: Limestone

# My World of Dogs

**by P.C. 107 Frank Borg**

My love towards dogs started at the early age, and I always remember a dog in our household. At the age of 16 I started with German Shepherd Dogs (known to many as Alsatians), a sturdy and intelligent breed. At the age of 19 I joined the Police Force, and was stationed immediately at the Dog Section, a post I held for more than 10 years. I consider those years at the Dog Section of great importance for me, as not only was I working in my ideal sort of environment with dogs, but I gained great experience on handling, training and understanding of dogs. I trained and handled German Shepherds and Labrador Retrievers mainly, and I had valuable training courses with English and German Dog Training Instructors, apart from another course with the American Coast Guard which was very interesting. I recall an event during such course, where I had to use my specialised Narcotics detector dog on one of the AFM patrol boats during an exercise we had in conjunction with the AFM, Customs and the American Coast Guard personell, and I remember they were very impressed with my dog's performance, they congratulated me in front of all present and I felt very proud that day, at least we showed the foreign experts that we too have reliable specialised divisions.

Space is an important factor when owning a dog, and with German Shepherds, you need a lot of space as they are a large breed. Because of lack of space in my household I later had to switch to a smaller breed, and I had no difficulty in choosing the Cocker Spaniel, a breed I still proudly own and breed to this date. Cockers are intelligent too, very affectionate and loving, I started showing my dogs when I was 17, and I took the bug straight away.

As the Cockers we had in Malta at that time were thoroughly in-bred, they suffered from bad temper, a characteristic that many still attributes to this breed, although this is very unfair, as to-day's Cockers are more wisely bred and I can easily guarantee their temperament. This is mainly due to the many imports



we had from abroad, and I, as one, imported 3 Cocker Spaniels from England in the past 7 years, (and another one is on the way!). Now we can boast that we have quality dogs in Malta not only in this noble breed, but in many other breeds because of the constant imports we have.

My involvement with dog shows started 16 years ago, and has been involved in the running of one of our local Society for 12 years, and the charges I've seen in this sphere over this period is impressive. I have gained my experience mainly form friends I have in England, breeders with a lifetime of experience in dog breeding and showing. I have visited England regularly over the past 7 years, visiting big kennels of world famous breeders. I always stayed with friends of mine who owns large boarding kennels which accommodates over a hundred dogs and owns 40 Cocker Spaniels, they have been breeding and showing this breed for over 40 years, they are knowledgeable people who thought me so much on this hobby. When I'm in England, I don't consider myself on holiday, I think it's more of a working trip for me, as I always give them a hand in their daily running of their big kennels. Feeding, grooming and exercising dogs is on their agenda for at least 15 hours a day there, and this has given me a great deal of experience in dog care and kennel management.

When one spends a considerable number of years showing dogs, one tends to opt for the next step, judging. I was over the moon when I was invited to judge an open dog show in England in June 1996, and I was offered to judge a considerable number of Gundog Breeds, and of coarse, the Gundog Group. I was part of an international panel of Judges, which included anther Maltese enthusiast, Mr. Stephen Young from Ta' Xbiex, who owns and breeds Chihuahuas, there where judges from Ireland, England, Scotland, Canada and Norway. It was called the Foreign Affair show, because of the presence of International judges, something which is not very common in England, as they have the cream of judges and their opinion on dogs is sought worldwide. It was the greatest experience for me, their was more then 700 dogs competing at that show, (England has the finest dogs in the world), and the winner I chose for Best Gundog, the English Springer Spaniel, went on to win Reserve Best In Show under the

Canadian judge. Our performance that day was very much appreciated, and we had further invitations to judge dog shows in England since then.

I have visited numerous dog shows in England, and apart from Crufts, which is the World biggest dog show with more than 21,000 dogs competing, which I visited 3 times, I've been to various parts of England attending dog shows in Malvern, Leeds, Coventry, Peterborough, Kelso (Scotland) and others which are too numerous to mention.

During these trips I have made many friends in England and from other countries too, as there are many other foreigners who go to England to attend dog shows there. I have made friends in Belgium, France, Spain and Portugal, people who breed and show Cocker Spaniels, and who are considered to be among the best in their countries. We always exchange our ideas and discuss various topics on dog breeding and so such trips are always considered very important for me, as not only I make new friend abroad, but I also expand my knowledge on my favourite hobby. Here I remember the words a famous British judge told me whilst in Malta judging one of our shows, he told me, "it's amazing what we do for our dogs, I have travelled the world going to dog shows, to see dogs in different parts in the world, to seek their opinion on dogs, but the most rewarding thing of all is the numerous friends I gained worldwide through dogs, and that is very rewarding." A statement which is very true, and today I can understand even more the meaning of it as I have experienced it myself, because now even I have many foreign friends which I made through my hobby.

I had considerable success with my dogs at our local shows, winning various titles and have campaigned two dogs to their Champion title. To remain constant in the quality of my breeding program I have to keep in touch with foreign breeders to be able to import quality specimens from them. As the gene pool in Malta is very limited, we can't keep on breeding from the same dogs so one has to import new blood very often. A very important factor in my hobby is that my wife is as enthusiastic as much as me on dogs so dogs are really part of our family. Yes this might seem to be an expensive hobby the way I take it, but I like it, I love it, I'm crazy on it and I will continue to practice it on matter what as it is the most rewarding thing in my life (apart from my family of course), and it gives me the chance to spend more time with man's best friend, the dog.

## TOUR TA' MALTA
ORGANISING COMMITTEE



# Delitti misterjużi - it-tieni parti

mill-Ispettur Ronald Cilia

## Il-persuna suspettata mietet

Graham Sturley kien joqgħod mal-mara tiegħu Linda u ż-żewġt itfal tagħhom, tifla ta' 6 snin u tifel ta' 4 snin, f'dar f'Biggin Hill, Kent. Il-koppja Sturley kien ikollhom diversi argumenti bejniethom mħabba suspetti li l-mara kellha relazzjonijiet ma' rġiel oħra. F'Lulju, 1981, kien hemm argument sħun fuq Linda, li kellha 6 xhur tqala, allegat li r-raġel tagħha kien sawwatha mħabba li ssuspetta li t-tarbija ma kienitx tiegħu.

Wara dan l-argument Linda Sturley kienet għebet u r-raġel tagħha kien qal li l-mara tiegħu kienet telqet mid-dar u ma kienx qiegħed jistenna li tiġi lura wara l-argument li kellhom.

Sa sena wara l-każ il-Pulizija ma kienitx taf b'dan il-każ għax il-familjari tal-mejta qatt ma taw rapport, sakemm Omma Ada Webb kienet għamlet rapport lill-Pulizija.

Wara dan ir-rapport il-Pulizija nterrogat għall-ħinijiet twal lir-raġel tagħha Graham pero l-Pulizija baqgħet bla risposta għal dan il-misteru.

Il-Pulizija għamlet ukoll tfittxija intensiva għall-kadavru tal-mara fid-dar tal-koppja Sturley u fil-viċinanzi pero r-riżultat kien negattiv.

Il-każ ta' Linda Sturley baqa' misteru sal-lum għax għalkemm il-Pulizija kienet waslet li tipproċedi kontra Graham Sturley fuq provi meħuda miċ-ċirkostanzi, il-każ ħa skoss lura għax Graham miet b'attakk tal-qalb qabel mal-Pulizija setgħet tibda l-każ tagħha quddiem il-Qorti.

Għalkemm il-provi kienu juru li l-qattiel ta' Linda Sturley kien ir-raġel tagħha dan il-każ baqa' mniżżel fil-file tal-Pulizija bħala 'unsolved'.

Il-kadavru ta' Linda Sturley baqa' ma nstabx.

## Il-kelb li sab it-Tazza tad-Dinja

It-Tazza tad-Dinja tal-football magħrufa bħala l-Jules Rimet Trophey kellha storja kemm xejn stramba meta fis-sena 1966 kienet insterqet minn taħt għajnejn il-Pulizija mis-Central Hall f'Westminister, Londra, fejn kienet qegħda tiġi esebita qabel il-logħob tal-World Cup li kienu saru fl-Ingilterra fl-istess sena.

Scotland Yard kienet ġiet imsejħa biex tinvestiga dan il-każ li kien allarma lid-dinja tal-football madwar id-Dinja, kif ukoll tefgħu dell ikrah fuq il-Pulizija u l-Gvern Ingliż li ħallew tazza hekk prestiġjuża taħrab minn taħt għajnejhom bla ħadd ma jaf kif.

Ir-risposta għas-sejba tat-tazza ġiet fil-lejl tad-19 ta' Marzu, 1966, meta David Corbett ta' 26 sena kien qiegħed idur bil-kelb tiegħu 'Pickles' f'Beulah Hill, Norwood, Londra. F'ħin minnhom il-kelb deher li kien qiegħed iqelleb madwar munzell gazzetti li kienu taħt siġra u f'mument minnhom Corbett ra xi ħaġa tleqq ġejja minn taħt il-gazzetti. Corbett beda jsejjaħ lill-kelb pero dan baqa' jqalleb madwar il-gazzetti u għalhekk is-sid mar ħdejn il-kelb u meta refa' l-gazzetta, b'sorpriża għalih, sab it-Tazza tad-Dinja. Wara din is-sejba Corbett ħa din it-tazza d-dar u hemm flimkien mal-mara tiegħu ċemplu lill-Pulizija.

F'leħħa ta' berqa l-aħbar ġriet madwar id-dinja kollha u l-kelb 'Pickles' sar l-eroj ta' kulħadd. Rigali ta' kull xorta bdew jaslu minn kull rokna tad-dinja u n-'National Canine Defence League' ta' l-Ingilterra onorat lil 'Pickles' għas-sehem tiegħu fis-sejba tat-Tazza tad-Dinja. L-istorja ma spiċċatx hawn, il-mistoqsija baqgħet - 'min seraq it-Tazza tad-Dinja?' F'każijiet bħal dawn il-Pulizija tipponta subajha lejn diversi persui bħala suspett u fost dawn kien hemm l-istess David Corbett li għadda minn martirju sħiħ b'ħafna mistoqsijiet dwar il-muvimenti tiegħu f'dik il-ġurnata. Kien hemm ukoll xi nies li ma emmnux l-istorja tiegħu.

Fl-aħħar Corbett kien ġie emmnut u rċieva diversi rigali li kienu jammontaw għal madwar Lm6,000.

Għalkemm Corbett ma kienx ra l-logħob tat-Tazza tad-Dinja kien mar bil-kelb tiegħu jiltaqa mal-membri tat-team tal-football tal-Ġermanja li xtaqu jiltaqgħu ma' dan l-eroj, biex iġibihom fortuna waqt il-logħob. Dan ma kellux ikun għaliex it-tazza tad-Dinja kienu rebħuha l-Ingliżi stess f'finali drammatika.

Il-kelb 'Pickles' kien miet xi erba' snin wara u l-fatt dwar min seraq it-Tazza tad-Dinja baqa' misteru.



®Knorr
The brand of
Swiss
quality
Knorr® The brand of Swiss quality
Instant Clear Chicken Broth
Quality controlled
by KNORR Switzerland
Exclusive distributor
in Malta and Gozo:
Vadala Co. Ltd., Valletta.
Tel: 449592, 449266

*Ikompli minn paġna 11*

## Ġurnalist u politiku

Mis-sena 1908 sas-sena 1931, l-Avukat Dr George Borg, qeda dmirijietu bħala Editur tal-ġurnal 'The Malta Daily Herald', proprjeta tas-Sur Ġużeppi Muscat tal-Belt Valletta. F'dan ix-xogħol, huwa qatt ma beża' jistqarr il-fehmiet u l-ħsibijiet tiegħu b'argumenti skjetti u ċari mingħajr ebda ekwivoċi u dan kien dejjem iwettqu b'sens għoli ta' responsabbilta u proporzjon, ukoll meta t-taqlib li ġabet magħha l-Ewwel Gwerra Dinjija tas-snin 1914-1918 seta' forsi kellu xi effett fuq l-opinjoni u l-atteġġjament tiegħu, huwa xorta waħda baqa' sod fil-prinċipji u fil-konvinzjonijiet li kien iħaddan.

Għalhekk f'xi drabi kien jaqbad polemika ma' l-avversarji tiegħu rigward kwistjonijiet politiċi jew dwar problemi lokali, Sir George Borg, ta' ġentlom li kien, dejjem għaraf jirrispetta l-ħsibijiet u l-opinjonijiet ta' ħaddieħor u bl-ebda mod ma kien ikasbar jew iriegħex lil ħaddieħor bi kliem mhux xieraq.

Bħala editur tal-'Malta Herald', Sir George Borg dejjem saħaq fuq diskussjoni pubblika, libera u sinċiera, dwar l-aspirazzjonijiet kostituzzjonali tal-poplu Malti billi kien jasserixxi b'mod tassew dinjituż il-fatti fondamentali tar-relazzjonijiet politiċi u soċjali ma' l-Ingilterra, u fl-istess waqt kien iħabrek b'ħiltu kollha u b'kull mezz disponibbli għalih favur l-aspirazzjonijiet leġittimi tal-Maltin. L-Avukat Dr. George Borg daħal fil-ħajja politiku meta kien għadu żagħżugħ u kien kontributur regolari fil-ġurnal 'Public Opinion' ta' Sigismondo Savona.

Fis-sena 1932, Dr. Borg kien ġie elett fis-Senat fl-interessi tal-Partit Kostituzzjonali u fis-sena 1934, kien ġie maħtur Deputat Mexxej tal-Partit. Fis-sena 1939, huwa kien ġie elett Membru għall-Ewwel Distrett fil-Kunsill tal-Gvern, u f'Ottubru ta' l-istess sena, kien ġie nominat Membru fil-Kunsill Eżekuttiv flimkien ma' Lord Strickland. Din in-nominazzjoni kienet seħħet permezz ta' Digriet tal-Gvernatur Sir Charles Bonham Carter li jġib id-data tat-12 ta' Ottubru, 1939, ippubblikat bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 515 fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Ottubru, 1939.

Fil-ħajja politika fi ħdan il-Partit Kostituzzjonali taħt it-tmexxija ta' Lord Strickland, Sir George Borg kien jistqarr twemminu u jsostni l-argumenti tiegħu b'kuraġġ u b'konvinzjoni, iżda fl-istess waqt dejjem wera rispett u mogħdrija għall-fehmiet diversi ta' l-avversarji politiċi tiegħu fi żmien meta l-birxa tal-personalita pubblika kienet tifforma parti mportanti fl-iżvilupp tal-ħajja politika u soċjali ta' pajjiżna.

Sir George Borg kien viċin ħafna u ħadem bis-sħiħ qrib Lord Strickland speċjalment f'diversi każijiet u kawżi fil-Qrati Maltin dwar kwistjonijiet ta' 'Ultra Vires'. Waħda minn dawn il-kawżi li baqgħet tissemma' fil-ġrajja legali ta' pajjiżna kienet dik li Lord Strickland ressaq għall-ġudizzju tal-Qorti dwar l-argument li l-ebda taxxa ma setgħet tiġi mposta fuq il-poplu Malti mingħajr rappreżentanza popolari. Sir George Borg kien iddefenda din il-kawża fl-ewwel istanza tal-Qorti Ċivili u wara li d-deċiżjoni ta' din il-Qorti kienet ġiet appellata minn Lord Stickland quddiem il-Qorti ta' l-Appell magħmul mis-Sinjorija Tiegħu l-Prim Imħallef Sir Arturo Mercieca bħala President flimkien ma' l-Onorabbli Mħallfin Robert F. Ganado u l-Professur Edgar Ganado, l-Ordinanza Numru 27 tas-sena 1936 li kienet imponiet ċertu taxxi, kienet ġiet dikjarata nulla u bla effett.

Flimkien ma' Lord Strickland u ma' kotra kbira oħra ta' Maltin magħġunin bl-istess fehma li dejjem urew lealta assoluta favur il-prinċipju bażiku tas-sigurta ndispensabbli fil-ħsieb ta' Malta bħala gżira fortizza, Sir George Borg irnexxielu jara lill-poplu Malti magħqud biex jaffronta t-tiġrib u t-tweghir li sofriet Malta matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Meta Lord Strickland miet fis-sena 1940, Sir George Borg aċetta l-patrimonju tar-responsabbilta patrijottika meta ħa f'idejh it-tmexxija tal-maġġoranza tal-Membri Eletti fil-Kunsill tal-Gvern.

# NEW PEUGEOT 106 XR DIESEL

up to* 26.5 km per litre (75 miles per gallon)




## Enhancing A Winner ...

New sleek curves. A new 1.5 diesel engine. Standard equipment includes Front Electric Windows, Tinted Glass, Central Locking and Power Brakes. There's an exciting range of colours to choose from.

The new Peugeot 106 XR Diesel – the ideal companion!

Also available in 3 and 5 door petrol versions.

106

**PEUGEOT**
CONCESSIONAIRES

**MICHAEL ATTARD Ltd.**

**National Road, Blata l-Bajda. Tel: 238854, 221951**
**Psaila Street, St. Venera. Tel: 449312**

* at a constant 90 km per hour (56 miles per hour)

# The scene of crime part 3

cont from vol 9 no. 9

Glass
On several occasions broken glass is found on the scene of crime coming from windows, automobile glass, bottles and other glass objects, hence when in the commission of a crime, a criminal breaks a window, there will invariable be minute pieces of glass on his clothing, particularly on his pants, cuffs, breast pockets and attached generally all over the clothing. The remainder of any larger fragments of broken glass on the scene must be completely collected so that the laboratory personnel may determine the following points:

i) A large fragment may at times be stated to have come from a particular glass object which has been broken.

ii) A fragment may be stated to have come from a particular region or spot in the broken item.

iii) A statement may be stated to have come from a particular kind of glass.

iv) The original of a fracture, its direction and the direction of the force producing it may be traced from the larger fragments.

v) There are four (4) ways in which glass can be broken:

a) By a slow moving object.
b) By a Bullet - (high Velocity).
c) By heat - (arson).
d) By an explosion.

On any scene of crime broken glass should be picked up from both sides ie. the inside and the outside, including the sweeping of the area in question from a radius of 6 feet to 8 feet for minute traces of glass the size of 2 microns. The glass is then to be packed separately and marked accordingly.

Fig 9 Principle of glass fracture (A) Method of fracture caused by force applied at a point showing conchoidal striae on radial edges; (B) later stage showing back-scattering of fragments from the near edge under compression; (C) action of bullet on thick glass; (D) final reaming of the bullet hole.

Fig 10 Multiple glass fractures showing radial and cross fractures, illustrates effect of first fracture in stopping cracks of second fracture.

Ropes, cords and other material:
On any particular scene of crime the police may encounter material such as rope, cord, paper bags and cartons. Explosives and incendiary materials are at times tied with a cord. Ropes are used in binding and hanging a victim in various types of crimes. Paper bags and cartons may be made and used by criminals to transport their tools or loot, and frequently it is this evidence that is instrumental in bringing these criminals to justice. As all this relative material is to be collected and examined and treated as very important physical evidence. String, cord, twine and rope are mainly manufactured from cotton. For specialised purposes cords may be made of silk, nylon and linen. Rope will always be examined from the following stand points:-

1. The diameter (obtained by means of multiple measurements with a caliper or micrometer.)

2. The direction of twist.

3. The number of twist per unit length.

4. The material from which it is constructed.

5. The number of strands.

6. The number of threads per strand.

7. The average number of fibres per thread.

A presence of contaminatory material such as grease, paint, manure, may be found on any rope found on the scene of crime and after carrying out searches one may encounter similar ropes contaminated with the same materials hence proving that such rope is vital evidence. These contaminated residues may at a later stage be examined microscopically for making certain that both residues have the same origin.

Soil
Soil is very commonly found on shoes and on the lower part of a pair of trousers so the Police investigator must bear in mind that most people avoid stepping in mud when possible, but under certain circumstance the mudding of shoes and clothing would be obligatory.

Soil is useful to the extent that it can be employed to determine whether or not a person has been at a certain place. From various examinations carried out there are indications that soils from two different places will always be distinguished. In actual fact, differences are often perceived in the soil composition form spots only a few feet apart. Hence, ample




**Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories Propellant and powders, sporting ammunitions and Deep Rock Drilling machines**

**PULVICH EXPLOSIVES Ind. Ltd.**
**Sta. Barbara Works**
**L'Hfar Dingli**
**459621/459622**

# SIGMA PAINTS

## THE MOST ENTENSIVE PRODUCT RANGE ON THE MARKET

SIGMA
COATINGS

**Ask your local ironmonger and insist on**

## SIGMA PAINTS

for further enquiries please contact
SIGMA COATINGS (MALTA) LTD.
Tel : 448382, 495413 - Fax : 491145

quantities of soil must be elevated from the scene of crimes from various spots on said scene so that if we have any suspects bearing mud or soil on his clothing this soil could be examined, at the laboratory, for any identical composition of the said soil because up to date the only identical soil is that taken from the same spot.

Paint
When investigating crime we could at times encounter paint occurring as physical evidence in three different forms:

1) Flakes which occur from violent deformation of painted surfaces such as collisions involving, vehicles and the action of tools on painted surfaces. (metal etc.,)

2) Smears which are caused by contact with painted metal, wood or glass.

3) Burst: which is very similar to smear except that the pain is old and when wiped some of it comes off.

Paint smears are most valuable as evidence when any criminal acquires them on his shoes or other clothing from recently painted buildings or other object at the scene.

Of these three types of evidence the most useful is flakes because two flakes of paint may have the same origin when examined and these could prove very useful in the investigation. A careful search for paint chips in crimes involving vehicles is to be invariable made.

If a flake of reasonable size is broken from an automobile, the matching broken surface will at times be found on the vehicle. Thus if such a flake is recovered on any suspect it could be compared with the broken edge of paint on such automobile.

Paint in the form of dusts due to inspiry of a 'chalked' and dry surface are much more difficult to compare them as no great value as evidence. Still if enough paint is present in this form it is best that it will be removed in the proper way and taken to the laboratory for analysing.

Fig 11 Fractured paint showing matching of abrasion marks on surface (two chips from an automobile paint).

Fig 12 Matching of paint chips and abrasion marks.



# Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti

**tagħrif miġbur minn V P Zahra V/President**

**Kawża mirbuħa**

Wara li sħabna ta' l-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti rebħet il-kawża fil-Qorti ta' l-Appell dwar iż-żieda ta' parti mill-pensjoni tas-servizz li kienet ġiet ikkommutata għandha titħallas mid-data ta' għeluq it-72 sena u ta' dan ngħidulhom prosit, is-Segretarju ta' l-Għaqda tagħna kiteb lid-Direttur tas-Sigurta Soċjali dwar il-Membri tagħna li għalqu 72 sena, irċevejna din ir-risposta.

Sinjur,
Nirreferi għall-ittra tiegħek ta' 22 ta' Marzu 1996 dwar pensjonanti li jagħlqu 72 sena.

Bis-saħħa ta' emenda fil-liġi dwar is-Sigurta Soċjali b'effett mis-6 ta' Jannar 1992 fejn kien jirriżulta li persuna assigurata għandha PENSJONI TAS-SERVIZZ, 40% tal-parti kkommuta ma baqgħux jitqiesu li jagħmlu parti mill-Pensjoni tas-Servizz waqt li kienet tkun stimata mill-ġdid il-pensjoni tas-Sigurta Soċjali meta l-persuna tagħlaq 72 sena. Mis-6 ta' Jannar 1996 il-persentaġġ ta' 48% żdied għal 50%. Din il-miżura kienet tiġi applikabbli mill-ewwel Sibt ta' Jannar ta' kull sena ġdida waqt ir-reviżżjoni tal-pensjoni skond il-provediment ta' l-Artiklu 59.

Wara deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell dwar każi simili irriżulta li pensjonant li għandu Pensjoni tas-Servizz kemm jekk għandu Pensjoni kkommutata kollha jew parti għandu dritt li ssir reviżjoni tal-pensjoni mill-ewwel Sibt wara li jagħlaq 72 sena u mhux bħal ma kien isir qabel jiġifieri li joqgħod jistenna sa l-ewwel Sibt ta' Jannar ta' sena ġdida.

Dan ifisser li l-ilment li qed tressaq inti issa ġie solvut għal benefiċċju tal-pensjonanti li jagħlqu 72 sena. Nixtieq ninfurmak li qed jittieħdu passi biex issir reviżjoni tal-pensjoni ta' dawn il-pensjonanti skond id-deċiżjoni msemmija.

Naturalment dawk il-pensjonanti li jkunu intitolati għal żieda fil-pensjoni tas-Sigurta Soċjali minħabba din il-miżura, ikunu infurmati permess ta' ittra mid-Direttur tas-Sigurta Soċjali.
Dejjem tiegħek,

C. Mallia
*għad-Direttur*
*(Sigurta Soċjali)*

**Messaġġ mis-Segretarju ta' l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti Gigi Muscat**

Għeżież sħabi Pensjonanti,
Għaddew aktar minn sittax-il sena minn meta ġiet imwaqqfa l-Għaqda tagħna fl-1980. }sibt li nikteb kelmtejn sabiex filwaqt li jservu ta' informazzjoni huma fl-istess ħin ukoll bħala appell lilkom ilkoll bħala pensjonanti mill-Korp tal-Pulizija.

Nibda biex ngħid li l-Għan ewlieni tal-Għaqda kien u għadu dak li jġib 'il quddiem ir-risq u l-ġid tal-membri, li ssiru attivitajiet soċjali biex niltaqgħu u naturalment jerġgħu jiġġeddu u naqsmu flimkien ħafna tifkiriet li nkunu għaddejna minnhom tul ħajjitna fil-Korp tal-Pulizija.

Għalkemm l-Għaqda tagħna mhiex xi għaqda 'trade unjonista' xorta fejn kien il-bżonn tkellimna għal xi problema li kellhom il-membri tagħna. Kien hemm każi fejn tajna l-għajnuna tagħna lil dawk morda li kellhom bżonn issiefru għal kura barra. Dan meta wieħed jaf li l-għaqda tagħna ma għanda l-ebda dħul ta' mezzi finanzjarji, għalhekk dejjem inħeġġu lill-membri biex iħallsu l-kontribuzzjoni tagħhom kull sena.

Il-Magażin il-Pulizija qed nibgħatuh lil madwar erbgħa mitt membru u għal dan irridu nħallsu l-posta meħtieġa, xogħol li jsir mill-Membri tal-Kunsill bil-koperazzjoni ta' P.C. Martin Ellul li hu inkarigat mill-Police Library.

Tajjeb li ngħarrfu li minn Jannar tas-sena dieħla dan il-Magażine mhux se jibqa' jintbagħat lil dawk il-membri li ma jħallux il-kontribuzzjoni tagħhom minħabba l-ispejjes li semmjena. Dawk li jagħżlu li jħallsu jkunu jistgħu jibbenifikaw minn sussidju fl-attivitajiet li jkollna kif dejjem sar.

Dwar is-Social Club li l-għan tiegħu kien biex l-ewwel ikun ta' mezz fejn il-membri jżomm l-kuntatt tagħhom u wkoll biex flimkien mal-familji tagħna nkunu nistgħu niltaqaw u nirrekrejaw rkuħna.

S'issa l-isforzi tagħna kienu kollha għal xejn ukoll wara li tkellimna ma' diversi Awtoritajiet, dan wara li kellna dejjem l-għajnuna ta' l-Awtoritajiet tal-Korp.

L-Isforzi tagħna se nibqgħu nagħmluhom sakemm fl-aħħar ix-xewqa tagħna ssir realta.

**Il-kontrubuzzjoni ta' kull sena**

Dalwaqt reġa' wasal iż-żmien tat-tiġdid tal-kuntribuzzjoni ta' l-Għaqda. B'dispjaċir ngħid li hemm membri li għadhom ma għamlux il-kuntribuzzjoni għal din is-sena, kif ukoll għas-snin ta' qabel. Ma narax li jeżisti xi ħadd li ma jiflaħx iħallas Lm1 f'sena li minnha jkun qiegħed jibbenefika hu stess partikolarment fil-pustaġġ tal-magażine tal-Pulizija. Għaldaqstant nitlob li dawk li għadhom b'lura jagħmlu d-donazzjoni għal din is-sena u jġeddu għas-sena d-dieħla.

Min jixtieq jagħmel dan jista' jħallas fil-librerija tal-Pulizija fil-Kwartieri Ġenerali jew iċempel lis-Segretarju tal-Finanzi fuq in-numru 692840.

**Louis Vella**
*Segretarju tal-Finanzi*

**Rapport dwar laqgħa li saret għal sħabna Pulizija Pensjonanti Għawdxin**

Wara li l-kunsill ta' l-Għaqda kien iddiskuta diversi drabi x'passi nistgħu nieħdu sabiex norganizzaw lil sħabna l-Għawdxin fl-Għaqda tagħna, fl-aħħar irnexxielna nagħmlu dan l-appuntament.

Kien il-Ħadd 23 ta' Frar ta' din issena li wara li għamilna l-arranġamenti kollha mal-Kummissarju lis-Sur George Grech u mas-Supritendent is-Sur Paul Sammut inkarigat minn Għawdex sabiex ituna permess inlaqqgħu lil sħabna fl-Għassa tar-Rabat (Victoria) Għawdex, allura seħibna Louis Vella bħala segretarju finanzi ħa ħsieb li jibgħat avviż lill-Pulizija Pensjonanti kollha li huma residenti Għawdxin, fejn għarrafhom li fit-23 ta' Frar 1997 fid-9am kienet ser tinżamm laqgħa għalihom.

Delegazzjoni magħmula mill-President Joe M. Azzopardi, is-Segretarju Finanzi Louis Vella kif ukoll is-Segretarju ta' l-Għaqda Louis Muscat telgħu Għawdex. Tajjeb li jingħad li ġejna provduti trasport, grazzi lis-Sur Paul Sammut, mill-Imġarr sa l-Għassa tar-Rabat u lura.

Malli wasalna sibna li kien hemm numru sabiħ minn sħabna jistennewna. Wara li qsamna ftit ħsibijiet ta' meta konna fil-Korp sar il-ħin għal-laqgħa. L-Għassa kellna kollox lest. L-attendenza kienet waħda nkoraġġanti. L-ewwel li tkellem kien il-President li spjega l-għanijiet ta' l-Għaqda tagħna u kemm tkun ħaġa sew li l-Pulizija Pensjonanti jifhmu għaliex għandhom ikunu membri f'din l-Għaqda. Wara tkellem is-Segretarju ta' l-Għaqda fejn wera li l-Għanijiet prinċipali ta' l-Għaqda minn dejjem kienu kif b'xi mod nistgħu ngħinu lil xulxin wara li nkunu spiċċajna mill-Pulizija.

Hawnhekk seħibna Louis Vella bħala segretarju finanzi talab lil dawk preżenti sabiex min jixtieq jidħol membru jimla l-formula meħtieġa. Nistgħu ngħidu li dawk kollha preżenti kollha daħlu membri. Issa kien imiss li dawn jinnominaw minn fosthom sabiex iservi bħala 'liason' mal-Kunsill ta' l-Għaqda f'Malta.

Ġew nominati: Ex-Supt. Salvu Galea; Ex-P.S. Toni Caruana; Ex-P.C. Louis Dimech. Tajjeb jingħad li waqt din il-laqgħa saru ħafna interventi minn dawn sħabna preżenti rigward xi problemi u x'qed nagħmlu aħna veru l-Pulizija Pensjonanti. Deher ċar li kulħadd kien kuntent b'din l-ewwel laqgħa. Apparti l-fatt li ħassejna ċertu sodisfazzjon bis-suċċess ta' din l-ewwel laqgħa, għamilnilhom wegħda li dawn il-laqgħat ser jibqgħu jsiru fuq bażi ta' kif isiru f'Malta. Meta dawk preżenti semgħu dan kollha wrew is-sodisfazzjon tagħhom.

Fil-waqt li nirringrazzjawhom ta' l-attendenza nassigurawhom li nerġgħu niltaqgħu ma ndumux u nħeġġuhom sabiex javviċinaw lil dawk sħabna f'Għawdex li forsi ma setgħux jattendu ukoll oħrajn li forsi ma fehmux l-iskop ta' l-Għaqda tagħna sabiex jingħaqdu magħna għall-ġid tagħna lkoll.

REX ZANUSSI
Makers of the Finest Refrigerators in the World
Free Standing & Built-In
✔ Single Door Fridges ✔ 2-Door Fridges
✔ Fridge/Freezers ✔ Upright Freezers
✔ Chest Freezers ✔ 14 Models to choose from
5 YEAR GUARANTEE ON COMPRESSOR MOTOR

Quality & Reliability
DELTA HOMECENTRES
B'KARA, GŻIRA, HAMRUN, MOSTA, PAOLA, QORMI, VALLETTA
A Member of MIZZI ORGANISATION

# Obitwarju



Ex. SM 305 G. Cilia



Ex. Ps 835 L. Farrugia



Ex. Pc 900 C. Camilleri



Ex. Pc 773 N. Farrugia



Ex. Pc 385 E. Debono



E. Ps 254 E. Micallef



Ex. Pc 420 E. Polidano



Ex. Pc 545 J Theuma



Ex. Pc 601 J. Muscat



Ex. Pc 845 P. Farrugia



Ex. Ps 537 G. Zammit



Ex. Pc 1139 C. Vella

# Ġabra ta' Appelli Kriminali

### Serq kwalifikat bil-Persuna

**Wieħed mill-element għar-reat tas-serq huwa dak li persuna tieħu l-oġġett allegatament misruq mill-Pussess ta' ħaddieħor kontra l-volonta tas-sid, iżda għal din ir-regola hemm l-eċċezzjonijiet.**

Il-Pulizija vs Joseph Duca
4 ta' Mejju, 1978
Imħallef: Onor. F. Mizzi LL.D.

**Il-Qorti,**
Rat is-sentenza tas-17 ta' April, 1978, li biha l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta sabet lill-imsemmi Joseph Duca ħati tar-reat kontinwat ta' serq kwalifikat bil-persuna ta' ħalib u oġġetti oħra ta' l-ikel mill-Isptar San Luqa, fejn hu mpjegat, b'detriment tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u lliberatu taħt il-provvedimenti ta' l-artiklu 9 ta' l-Att XII tal-1957 bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor żmien sena, wara li kkunsidrat: 'Illi mill-provi mismugħa rriżulta li l-imputat huwa mpjegat bħala Hospital Auxiliary fl-Isptar San Luqa, Gwardamanġa, u kull għaxart ijiem imissu jqassam il-ħalib fil-wards ta' l-Isptar. L-imputat ammetta fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija li kull meta jmissu jqassam il-ħalib. Jiġifieri kull għaxart ijiem, huwa kien joħroġ żewġ flixken ħalib. Fl-14 ta' April, 1978, huwa ġie akkostat minn żewġ membri tal-Pulizija kif ħareġ mill-Isptar u nstab li kellu fuqu tmien flixken ħalib u flixkun minn dawk ta' l-imbid li kien mimli wkoll bil-ħalib.

'Illi l-Avukat Difensur issottometta li l-imputat, in virtu tax-xogħol tiegħu kien fdat mill-pussess tal-ħalib, u kwindi ma jistax jinstab ħati tar-reat tas-serq għaliex jonqos wieħed mill-elementi neċessarji għal dan ir-reat, ċjoe li persuna tieħu l-oġġett allegatament misruq mill-pussess ta' ħaddieħor kontra l-volonta tas-sid, mentri fil-każ odjern l-imputat kien fdat b'dak il-pussess mis-sid stess. Għalhekk l-imputat jista' forsi jkun ħati ta' frodi jew misapproprijazzjoni iżda mhux ta' serq.

'Illi in linea ġenerali s-sottomissjoni ta' l-Avukat Difensur hija ġuridikament korretta (ara d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali Rex vs Antonio Pisani et, 2 ta' Diċembru, 1941). Iżda kif ġie osservat fl-istess sentenza: 'There are, however, cases in which exceptionally the fact that the owner parted with the possession of the thing does not negative theft', u fost eżempji oħra ngħata dak li 'when the delivery of possession in general and not special, or limited to particular things - Thus, if a servant has the charge of all the chattels existing in the place where he is employed, he would be guilty of theft if he were to take away any of them' (Recent Criminal Cases by the Hon. Mr. Justice Harding, Case 20);

'Illi hu evidenti f'dal-każ li l-imputat kien fdat mit-tqassim tal-ħalib fil-wards ta' l-Isptar, u ħa biss parti żgħira minn dawk l-oġġetti fdati lilu in vista tax-xogħol tiegħu. Għalhekk huwa jaqa' fl-eċċezzjoni għar-regola, fuq imsemmija, u ċjoe fejn il-fatt li s-sid kien ta lill-impjegat tiegħu l-pussess tal-ħaġa ma jinnewtralizzax ir-reat tas-serq.

'Illi apparti dan l-imputat fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija ammetta wkoll li qabel inqagħlet il-kwistjoni tal-mard tal-majjali (u kif inhu risaput dan ġara reċentament u ċjoe ilu xi ġranet biss li skopjat din il-marda) hu ġieli ħareġ xi fdalijiet li kien joħroġ kien ikun mormi u abbandunat, anzi l-presunzjoni hija l-kuntrarju;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella minn dik is-sentenza u talab li tiġi revokata billi huwa jiġi prexjolt minn kull imputazzjoni;

Semgħet bil-ġurament ix-xhieda prodotti;

Trattat l-appell;

Billi din il-Qorti taqbel għal kollox mal-konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt u mal-konklużjonijiet kontenuti fis-sentenza appellata;

Billi, pero, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u konsiderata l-entita żgħira tar-refurtiva u t-teknikalita tar-reat innifsu, huwa indikat il-provvediment infraskritt;

Tiddisponi mill-appell fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar id-dikjarazzjoni ta' reita u, flok il-provvediment hemm applikat, tillibera lill-appellant inkondizzjonatament ai termini tal-artiklu 9 tal-Att XII tal-1957.

# SCHEMBRI BATTERIES LTD.

## SALES & SERVICE

## A 39 INDUSTRIAL ESTATE MARSA - Tel: 220036

*Manufacturers of*

# EMLITE

## BATTERIES




SOLE AGENTS FOR:

SPB

A DIVISION OF

Sovereign

AUTOMOTIVE PRODUCTS

Now Also Available

DAGENITE

EXIDE

*BATTERIES*

# CHUBB

## SAFES

# CHUBB

## ALARMS




**CHUBB protects**

**WHEN YOU'RE OUT, WE'RE IN.**

**PHILIP TOLEDO LIMITED**

Notabile Road, Mriehel - Malta
Tel: 445566, 491525 Cables: Media - Malta
Tlx: 1649 Mw Fax: (356) 484316

# Tberik ta' l-Oqbra



Il-Ministru Joe Mizzi flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija, Patri R. Zammit u xi Uffiċjali oħra tal-Korp waqt it-tberik ta' l-Oqbra.

Is-Sur J. Azzopardi jpoġġi l-kuruna tal-fjuri għan-nom tal-Pulizija Pensjonanti





Is-segretarju tal-I.P.A. jpoġġi l-kuruna tal-fjuri quddiem il-Monument.



Il-ministru Joe Mizzi flimkien mal-Kummissarju George Grech u uffiċjali oħra tal-Korp.


7UP


REX
ZANUSSI
Makers of the Finest
Refrigerators in the World
Free Standing & Built-In
✔ Single Door Fridges ✔ 2-Door Fridges
✔ Fridge/Freezers ✔ Upright Freezers
✔ Chest Freezers ✔ 14 Models to choose from
5 YEAR GUARANTEE ON
COMPRESSOR MOTOR
Quality & Reliability
DELTA
Member of
MIZZI ORGANISATION
HOMECENTRES
B'KARA, GZIRA, HAMRUN, MOST A, PAOLA, QORMI, SLIEMA, V ALLETTA

# Transport in Malta - part 3 cont. from Vol 9 No 9

## Public Service Garage - Motor Cars for Hire and Self Drive Cars

Public Service Garage require a licence to garage all motor vehicles licensed for hire, the registration number is to appear on the Public Service Garage Licence, and authorise the licensee to hire from such garage only motor vehicles registered and licensed in his name for hire.

The licensee of a Public Service Garage keeps a register containing the following information:-

(a) The date and time of departure and arrival of each motor vehicle hired.

(b) The name, licence number and badge number of the driver.

(c) The name, address and licence number of any person hiring a motor vehicle to be driven by the hirer.

The public is allowed to hire motor vehicles only from a Public Service Garage.

Motor vehicles licensed for hire are motor cars for hire, self-drive cars and motor cycles for hire but does not include taxi-cars or motor omnibus.

The fee charged for every hire everyday is Lm6.

'Self-drive car' licensed or registered to be hired from a Public Service Garage for the purpose of being driven by a hirer. It may, however, be driven by the garage owner, or by any person in his regular employment holding a special driving licence, to convey passengers for hire, provided that any passenger hiring it consents to the use of such self-drive car in lieu of a motorcar for hire.

The identification numbers assigned to a motor vehicle are painted as follows:-

(a) in the case of taxi cars black figures on a red background.

(b) in the case of motor cars for hire red background on black figures.

(c) in the case of self drive cars and motorcycles for hire black figures on a yellow background.

(d) in the case of all other motorvehicles back figures on a white background.

Every motor car for hire and self-drive car keep constantly clean and maintained in good order and state of repair.

No motor car for hire or self-drive car allowed to carry petrol or other inflammable liquid or material except in the tank of the vehicle.

The licensee of self-drive car must see that no such car is given on hire unless there is displayed conspicuously in the interior of such car a copy of the traffic of fares.

Taxi

Over one hundred taxi cars are licensed and ply for hire all over the island for local and tourist purpose. (Il-Karrozzin is also used as a horse drawn taxi). Taxi cars are privately operated by owner-drivers, the level of fares being prescribed by the traffic Control Board fitted with a taxi-meter. Fee charged for every hire is thirty cents every kilometre and one Maltese Lira and fifty cents waiting charge.

Both vehicles and drivers must be licensed by the police. Taxi-cars must be purposely built to conform to very strict requirements and classified under Group 3 requiring the following to be granted a licence:-

(a) Must be over 21 years and must be in possession of Group 1 for at least three years.

(b) Must sit for a tourist Board examination.

(c) Must have knowledge of mechanical maintenance.

(d) Must be in possession of a Work Book and National Insurance.

(e) After 50 years of age must produce a medical certificate and then after 5 years that is after the age of 55 years and 60 years. After the age of 60 a medical certificate is to be produced every one year.

(f) Must be of a good character and good knowledge of the road.

Type and identification number of Taxi-car

Taxi-cars are of a four-door saloon type and have a comfortable seating accommodation for at least four and not more than eight adult passengers and a driver.

Ample leg space and head room are to be provided and the doors be wide enough to permit easy and convenient entry to passengers.

No litters, markings, figures, pictures or any attachments, ornaments, designs or decorations other than what is required. Taxi-cars are given a progressive number proceeded by the word TAXI and these numbers and word are considered as the identification numbers of a taxi-car. An electrically illuminated Taxi sign are carried on the front part of the roof above the windscreen in the interior of the vehicle in such a way as not to obstruct the drivers vision. The sign are inscribed letters of same dimensions painted in red against a white background or in white against a red background and the body of the taxi-car is painted in white cream colour.

The sign is kept lit at all times between sunset and sunrise except when the vehicle is hired and when the taxi-car is on stand only the vehicle placed first on the stand keeps such sign so lit.

Taxi on stand

Taxi drivers whilst at the stand established in various centres frequented mostly by tourists on arrival at Luqa Airport or centre points in Valletta, Sliema and other localities. The drivers of the first three taxi cars exposed for hire on any stand or other place shall remain in their vehicle while it is so exposed. The drivers of other taxi cars exposed remain within easy reach and immediately take charge of their vehicle as soon as their turn comes to take their place among the first three taxi-cars. When it appears that taxi-drivers may suffer hardship through long exposure to the sun dispense such drivers for compliant. It is not permitted for any person to hire a taxi-car from any stand nor shall the driver of the taxi-car on any stand accept a hire, unless in each case, such vehicle is the first taxi-car on the stand and if the driver of the first taxi-car is not in the vehicle, the first taxi-car on the stand with the driver in the vehicle are deemed to be the taxi-car first available for hire.

A taxi-car can only be hired from the taxi-stand but it also could be hired when the taxi-car which is in motion and which is not in the vicinity of any taxi-stand may accept a hire from any person who wishes him to stop. Taxi-cars are fitted with a taximeter to control mileage fare charged to passengers using the taxi and reduce if the case may be of any over charge especially to tourist visiting the island for the first time.

Taxi-Meter

The taximeter is fitted to the taxi-car and is only switch on when a hire is made and could be clearly readable by the hirer in the vehicle and by the driver. When a taxi-car is standing or plying for hire the meter is locked in position in which no fare is recorded on the face of the meter and exhibit in a position on the vehicle a sign on which the words 'FOR HIRE' are easily distinguishable and when the taxi-car is hired the words 'FOR HIRE' are removed and are substituted by the word HIRED. Immediately on the completion of the hire the taximeter cease recording but the amount of fare recorded shall remain displayed on the taximeter so as to permit the hirer to have a reasonable opportunity of examining the same. Although the population of Malta is about 332,000 car ownership continues to grow and patronage public transport decline.

It's aim in transport policy is to achieve proper balance between the use of public and private transport in Malta by improving and maintaining by improving the system. A high priority is to be given in future measures which help the car owners by providing more car parks which could be constructed underground and above ground level. Priority is also to be given to measures to assist the movements of buses by constructing 'Bus Lanes' lanes reserved for buses on some of the busiest streets and also restricting narrow streets not to be used by the introduction of new modern buses.

The introduction of traffic wardens are highly needed acting under police control, operating on strategic roads were parking and other traffic contraventions are prohibited while on others it is prohibited during certain hours.

It is highly recommended in future the introduction under an experiment a scheme as was introduced in Britain way back in 1983 with the aim of discouraging illegal parking and improving traffic flow, police are using wheel clamps to immobilise vehicles parking illegally in a specified area.

The driver has to visit a car pound and pay a release charge before the clamps are removed and the vehicle is handed over to its rightful owner. More efforts are to be made for the improving of public transport in reducing vehicles while driven on the road by controlling and minimise the effects of noise, fumes and disturbances to the environment.

# Il-Mużew tal-Pulizija

minn Pc 148 J. Navarro







1. Bħal daż-żmien, tlett snin ilu, eżatt fil-11 ta' Lulju 1994 ġie inawgurat uffiċjalment il-ftuħ tal-Mużew tal-Pulizija sabiex jitfakkar l-anniversarju tal-180 sena mit-twaqqif tal-KORP TAL-PULIZIJA ta' Malta. Rigward dik iċ-ċerimonja u l-attivitajiet li kienu saru f'Jum il-Pulizija, wieħed jista jagħmel referenza għall-aktar dettalji, fil-ħarġa tal-magażin tal-Pulizija Vol: 8 Nru. 11 Lulju-Awissu 1994.

2. Il-lum eżatt tlett snin wara li nfetaħ għall-pubbliku dan il-mużew, ninsab kuntent li kiber fil-popolarita tiegħu. Kien hemm diversi għaqdiet u gruppi ta' nies li għoġobhom jiġu jżuruh. Eżempju ta' dawn insibu li kien hemm, żjarat kulturali, gruppi ta' scouts minn diversi postijiet ta' Malta, tfal li jattendu kemm skejjel tal-Gvern, kemm ukoll minn skejjel privati. Kien hemm ukoll numru kbir ta' turisti u pulizija barranin. Fost kliem ta' tifħir, inkitbu wkoll ittri ta' apprezzament u nkoraġġament li lili personalment komplew ħeġġuni biex naħdem aktar sabiex inżomm dan il-mużew aktar attrezzat u li jkun iħabbatha ma mużewijiet oħra, li hawn imxerdin madwar Malta u Għawdex. Hawn nixteiq nirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija, s-Sur George Grech li mill-bidu nett ħa nteress personali sabiex jitwaqqaf dan il-mużew, li jagħmel parti mportanti fl-istorja ta' pajjiżna.

3. Is-sala tal-mużew tal-pulizija, nista ngħid b'entużjażmu, li llum il-ġurnata jinsab mimli daqs

bajda. Kienu diversi persuni li għoġobhom jagħtu xi donazzjoniiet, bħal per eżempju, uniformijiet, badges u kull tip ta' ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-korp. Hawn nixtieq nagħmel appell żgħir għal kull min hu nteressat fl-istorja ta' pajjiżna, sabiex jekk għandu kwalunkwe ħaġa li għandha x'taqsam direttament mal-korp tal-Pulizija ta' Malta jirregalha lill-mużew. Eżempji ta' dawn id-donazzjonijiet jistgħu ikunu, ritratti antiki, buttuni, badges, uniformijiet etċ. Nistgħu niżguraw lil kull donatur, li kull oġġett li jiġi aċċettat għall-mużew, dan jiġi mniżżell ġewwa nventarju u mpoġġi għall-wiri sabiex jitgawda mill-pubbliku.

4. X'jista' wieħed jara fil-mużew tal-pulizija Fil-mużew tal-Pulizija hemm diversi oġġetti antiki. Biżżejjed wieħed isemmi żewġ uniformijiet ta' uffiċjali tal-korp li għandhom mal-130 sena. Insibu wkoll 'xarretta' li kienet tintuża mill-Kummissarju tal-Pulizija ħafna snin ilu qabel ma daħal Malta t-trasport mekkaniku. Hemm diversi ritratti ta' pulizija b'uniformijiet ferm antiki. Għall-wiri hemm ukoll lampi tal-pitrolju li kienu jintużaw fl-għasses tal-Pulizija qabel ma daħal id-dawl elettriku hawn Malta. Esibiti hemm ukoll apparat







tas-salvataġġ li kien jintuża mill-'water police'. Dawn huma biss ftit mill-esibiti ta' ħafna oġġetti li wieħed jista' jara u li jfakkruh fi żmien l-imgħoddi.



5. Il-manutenzjoni ta' l-oġġetti esibiti fil-mużew Hija ħaġa ovvja li kemm is-sadid u kemm it-trab huma l-għadu ewlieni tal-oġġetti għall-wiri fil-mużewijiet. Peress li ħafna mill-affarijiet esibiti huma ferm antiki, allura dawn iridu jiġu mnaddfa b'ċerta delikatezza, għalhekk it-tindif jirrikjedi paċenzja u attenzjoni. Huwa importanti li l-oġġetti esibiti jkunu miżmuma fi stat tajjeb ta' manutenzjoni sabiex jiġu esibiti għall-pubbliku.

6. Appuntamenti għal żjarat fil-mużew Kull min jixtieq li jżur dan il-mużew għandu jiġi d-Depot tal-Pulizija, ġewwa l-Furjana. Jekk kemm id-darba n-numru ta' persuni li jixtiequ jżuruh ikun kbir, it-talba għandha ssir permezz ta' ittra ndirizzata lill-kummissarju tal-Pulizija, fejn għandhom jingħataw dettalji dwar l-ammont ta' persuni li ser iżuruh, il-ġurnata u d-data, sabiex ikun jista' jiġi kkonfermat l-appuntament. Ritratti jew 'video' huwa permessibbli biss ġewwa s-sala, fejn qed jiġu esebiti l-affarijiet tal-mużew.



Mis-27 ta' Settembru, 1996, bdew jintużaw 20 mutur ġdid fid-distretti tal-Pulizija f'Malta u f' Għawdex. Il-Muturi tat-tip Peugeot inxtraw wara li saret sejħa għall-offerti għax-xiri tal-muturi.


SUPER
5
36
The numbers game
• Select 5 numbers from 1 to 36
• Available from any Lotto Office
• Draw Wednesdays
• Tickets 50 cents each
• Wins for
5 numbers matched out of 5 numbers drawn
4 numbers matched out of 5 numbers drawn
3 numbers matched out of 5 numbers drawn
Public Lotto Department


ALUMINCO A.E.
Cast aluminium rails for balconies and fences, internal and external staircases, gates, garden furniture and lightings. All available in a wide range of designs.
Kirsch®
WE DO WINDOWS BEAUTIFULLY.
PREFINISHED PARQUET
Carmelo Gauci Ltd
St. Venera.
Telephone 44 57 17 - 44 38 61 - 44 67 05 - 44 96 51
Telefax: 49 28 46

# Amateur Radio - An Introduction

**by officer cadet Martin Sammut 9H1MS**

Some of you may have heard of amateur radio. It is a hobby where people use radio equipment to make contact with one another on a local basis and around the globe. Most probably you have also heard of C.B. radio which was only introduced last year in Malta. C.B. also involves making contact with other people using a radio but, unlike amateur or ham radio it is extremely different and limited.

Before going deeper into the subject, allow me to introduce myself. You already know my name and I am 23 years old. I enrolled with the force this year as an officer cadet form outside the police corp. I have already had an opportunity to work with the police in summer in the year 1992 as a student worker, where I was posted at the police radio workshop. I was intersted in the world of electricity and electronics at the age of 10 and I remember quite vividly palying with batteries, bulbs and motors. Along the years, I shifted my interest to electornics especially in the radio field. I obtained all this knowledge by reading books, magazines and asking experts in the field, something which I still do. At the age of 15 I was already constructing electronic equipment, getting more experienced by time. I qualified for the 'B' radio license in 1990 and after one year I was awarded my 'A' license.

To operate an amateur radio station, one must apply for a license which is issued by the Director of Wireless and Telegraphy at a fee of Lm6 annually. There are two categories of licenses, the 'A' and 'B' licenses. to obtain a 'B' license one must sit for a written examination. In Malta we sit for the City & Guilds of London Institute exam, composed of two multiple choice question papers. The syllabus consists of simple electric and electronic theory, operating practices and procedures, license conditions, electronic operation or receivers and transmitters, radio wave propagation, antenna theory and other related subjects. Successful candidates may then apply for a license. To get an 'A' license, apart from sitting for the mentioned written exam, one must also be able to read and send Morse code at a speed of 12 words per minute, average of 5 characters per word. This examination is set up by the local Wireless Telegraphy Department. Class 'B' licensees are allowed to use only frequencies above 50Mhz, the VHF range and above. Class 'A' licensees may use all bands, thus including the HF range. Upon applying for a license, a callsign (identification of the operator) is allocated. This callsign is unique not only to the individual in his own country, but also in the whole world. Therefore, no two callsigns are alike, so 9H1MS belongs to only me and there is no other such callsign in the rest of the world.

The callsign also reveals some information about the station, and is made up of a prefix and suffix with a number separating them. The prefix shows the country of origin of the station, and sometimes the class of the licensee, the separating number signifies the area of operation and/or the class of licensee and the suffix is different to each individual in that same country. Let me make things easier and explain using my callsign, 9H1MS, as a practical example.

The prefix is 9H and this signifies that the radio station is of a Maltese identity. In fact anything registered under the Maltese flag commences with 9H and if you go to the airport and see an Airmalta's aeroplane you will notice that there is 9H followed by three letters written at the end of its fuselage. This signifies that the plane is registered in Malta. Every country has a different suffix, JA for Japan, EA for Spain, DL for Germany as examples.

The separating number (which in fact is considered to be part of the prefix), here in Malta signifies either the class of the licensee, or the island he is operating on, or both. It would be much easier if I summarise the number and meaning in a table.

1....... 'A' Licesee in Malta
4....... 'A' Licensee in Gozo
5....... 'B' Licensee in Malta, Gozo and Comino
8....... 'A' Licensee in Comino
3....... Issued to tourists on holidays or special events stations Therefore I have a '1' since I am a class 'A' licensee operating in Malta. Other numbers may be issued for special occasions such as contests. Different countries have different meanings for their prefix and number.

The suffix consisting of a combination of one, two or three letters, is unique only to an individual in the same country. So 9H1MS is unique to me but there may be 9H4MS, 9H5MS, JA3MS, EA8MS, etc.

You might wonder what radio amateurs talk about on the airwaves. They talk about anything although the most popular subjects, of course, are those concerning our hobby! Subjects of political or religious nature are prohibited, so is the playing of music and advertisements. The language used for international contacts is generally English and a lot of radio jargon is used like the number '73' which means best regards and wishes. The essence of every contact is the

# Il-Pulizija ta' Malta u l-Gwerra

Il-qawl qadim Ingliż 'Meta tkun bejn ħaltejn staqsi l-pulizija' hu minnu daqskemm hu minnu dak li ngħidu aħna 'meta tinqalgħalek xi ħaġa mur għand il-pulizija'. Il-Pulizija Malti mhux biss bħal sieħbu l-Ingliż iħares lil kulħadd u jara li kollox jimxi sewwa u bla ħafna twegħir, iżda ħafna jaħsbuh jifhem f'kollox u li jista' jitkellem fuq kollox mill-arkijoloġija sal-murtali tal-festi. Fid-distrett tiegħu, l-aktar fid-distretti ta' l-irħula, l-uffiċjal għoli tal-pulizija jiġi mistoqsi dwar problemi personali u li jkunu mwiegħra tgħidx kemm.

Il-pulizija tagħna jaf li hu jirrappreżenta l-liġi u li hu n-nifsu għandu joqgħod għal dak li tgħid il-liġi. Fuq kollox jaf li d-dmir ewlieni tiegħu hu, mhux li mill-ewwel jaqbad u jixli l-ħtijiet, imma ma jħallihomx isiru sa fejn jista' jkun. Żmien ilu l-kuntistabbli, bniedem bla skola imma aktarx matnazz, kien meqjus bħal awtokrata; il-lum il-pulizija Malti hu meqjus bħala wieħed essenzjalment meħtieġ għall-poplu, fdat b'ħafna xorta ta' dmirijiet u ta' responsabbiltajiet. Minnu jibżgħu n-nies ħatja, waqt li dawk li jridu l-paċi u jimxu mal-liġi jħobbuh u jirrispettawh.

Jekk il-għadd kbir ta' dmirijiet li hu fdat f'idejn il-Pulizija ta' Malta juri li l-pulizija tagħna jifhem f'kollox u li l-poplu jafdah b'qalbu kollha, nistgħu ngħidu li tabilħaqq jixraqlu l-qawl 'meta tkun bejn ħaltejn saqsi l-pulizija.'

**'Fula Bint il-Miżwed'**

Ftit taż-żmien ilu surġent raħli ir-rakkontali ftit minn dak li għadda minnu tul il-25 sena servizz li għamel. Nannuh kien Spettur tal-Pulizija u wieħed miż-żewġ ħutu dan l-aħħar ħareġ mis-servizz imma reġa' talab li jidħol malli l-Italja iddikjarat gwerra lill-Ingilterra. Tbissimt għax għoġobni meta pinġa lilu n-nifsu bħall-'fula bint il-miżwed' fil-waqt li ħareġ mill-iskrivanija tiegħu badge kbira qadima ta' metalli abjad li darba kienet iżżejjen l-elmu tas-servizz ta' nannuh. Fi kliemu kien hemm bħal xejra ta' wieħed li qed jitkellem fuq niesu u laqatni l-esprit de corps tiegħu meta saqsieni serju serju: 'Qatt intbaħt, sinjur, illi aħna (il-Pulizija) imħabbtin bil-bniedem minn kif jitwieled sa ma jmut?' Stqarrejt li ma tantx kont fhimtu sewwa, iżda rajt x'ried igħid meta qalli li l-Pulizija f'Malta mhux biss tagħmel dmirha bħala pulizija imma wkoll tinsab imħabbta tirreġistra t-twelid, il-mewt u ż-żwieġ tan-nies. Ħidma oħra

Dan li ġej, meħud mill-aħħar rappart li għamel il-Kummissarju tal-Pulizija, juri iktar ċar dak li ried ifisser il-ħabib tiegħi.

Matul is-sena 1938-1939 il-Pulizija irreġistrat fuq 16,000 twelid, żwieġ u mewt, tfiet 24 nar, ġabret 1,500 kelb mit-toroq, tat rapport fuq iktar minn 100 dar li kienu perikulużi u ħadet ħsieb madwar 4,500 talba għall-għajnuna tal-Gvern, dħul fl-Imgieret jew fl-Orfni, servizz tal-qabla u tal-imreddgħa. Huma wkoll ħadu ħsieb dwar xi 4,300 ħaġa li ntilfet jew instabet. Mhux anqas minn 673,975 telefon minn fuq il-linji tal-Pulizija.

Ma'dan ix-xogħol kollu rridu nżidu dak tal-permessi li jsiru u li jiġu mqassma, madwar 80,000 b'kollox, tibda mill-liċenzji għall-armi tan-nar u tispiċċa b'liċenzji għat-trampil tal-faħam bħalma wkoll il-ġbir ta' ħlasijiet li jsiru għal dawn il-permessi. Ma hemmx għalfejn wieħed igħid illi l-gwerra żiedet ħafna x-xogħol tal-Pulizija u kabbret mhux ftit l-attivitajiet tagħhom. Ftit jiem qabel ma' l-Italja daħlet fil-gwerra l-Headquarters tal-Pulizija ntħadu Santa Venera sabiex ikunu aktar jistgħu jilħqu n-naħiet kollha tal-Gżira. Meta bilkemm tnax-il siegħa wara d-dikjarazzjoni tal-gwerra l-ajruplani Taljani ħabtu għall-Gżira l-Pulizija mill-ewwel ħażżnu ħżiemhom u ntefgħu għax-xogħol ġdid li nqalgħalhom. U x'taħbit ta' xogħol kien dak.

Kellhom iqassmu u jikkontrollaw l-elfu ta' nies li telqu minn naħiet ibbumbardjati u jgħassu l-proprjeta u l-bini. }afna mill-evakwati qegħdu tamithom fil-Pulizija li jieħdu ħsieb it-trasport tagħhom huma, u dawn mhux biss ħadu ħsiebhom imma f'xi każi ħwejjeġhom ukoll. Għenu lil mijiet ta' rifuġjati biex dawn isibu fejn joqgħodu għal ftit taż-żmien f'kull xorta ta' djar privati kemm ukoll pubbliċi. }asbu għall-ikel ta' dawk li baqgħu fi djarhom fin-naħiet ibbumbardjati u lill-fqar, permezz tal-qalb tajba u l-ħniena li wrew xi nies tal-karita, setgħu jagħtuhom ikel b'xejn. Fejn twaddbet xi bomba u għamlet ħsara lil xi wire tat-telefon jew xi cable ta' l-elettriku, inkella faqgħet xi pipe ta' l-ilma, il-Pulizija marret dikment fuq il-post sabiex ma tħallix li jinqalgħu xi disgrazzji jew isir ħala sakemm id-dipartiment li għandu x'jaqsam max-xogħol jieħu l-biċċa f'Idejh.

Jekk xi darba tal-petrolju jew il-bejjiegħ tat-triqat ma jasalx, il-Pulizija tara kif issewwi l-biċċa hi u li ħadd ma jkun jonqsu xejn. Kultant wieħed jara qatta' nies tagħmel frattarija f'xi ħanut jew barra t-triq. X'inqala'? Iz-zokkor skarsa u tal-ħanut ma jridx ibiegħ aktar minn kwart lis-Sa Karm

- omm ta' sitt ulied li magħha issa marret toqgħod il-mara ta' binha u t-tewmin tagħha. Ma ġara xejn, jissejjaħ malajr il-Pulizija u qabel ma s-Sa Karm tara x'għandha tagħmel, iz-zokkor jitqassam lil kulħadd - ratal għal kull ras!

Għax, ngħiduha kif inhi aħna malajr inqajmu paniku għal xejn b'xejn. Hu x'inhu, tqawwilna qalbna tgħidx kemm id-dehra tal-ħabib tagħna l-Pulizija, dejjem kalm u dejjem lest biex jagħti l-għajnuna. Biss xi drabi aħna ninsew li hu bniedem bħalna, u li jinsab imgħobbi bix-xogħol. Infatti, min minnha jaħseb li waqt li aħna nkunu reqdin il-Pulizija jkun qed iwettaq dmiru, tmien sigħat sħaħ igħasses it-toroq u jindokra lilna u lil ħwejjiġna?

### Skwadra ta' emerġenza

Il-lum aktar minn qabel il-Pulizija qiegħda tindukrana mhux biss minn nies ta' kondotta ħażina imma wkoll mill-għadu tagħna. Skwadra ta' Emerġenza, imsawra mill-aktar żgħażagħ b'saħħithom, dejjem imħejjija biex toħroġ tiġri mill-H.Q. tagħha għal kull naħa fejn dmirha jkun qed isejħilha. Hekk ukoll in-nies tal-Fire Engine. Dawk biss li raw lil dawn iż-żgħażagħ jaħdmu jafu x'issarraf ħilithom meta jkun hemm x'imkien qed jaqbad, u b'liema sogru ta' ħajjethom huma u jwettqu dmirhom.

Biċċa mill-Korp tal-Pulizija ġiet mgħammra u mħarrġa għal kontra l-paraxutisti. Kienet għaqda sabiħa ta' żgħażagħ li ivvolontarjaw li jaħdmu flimkien mas-Servizzi f'xi naħiet tal-Gżira.

Il-Kummissarju tal-Pulizija, hu u jkellem lill-għaqda ta' kontra l-paraxutisti qabel ma ġiet maħlula dan l-aħħar, qal: 'Bgħatt għalikom hawn il-lum, qabel ma terġgħu tmorru għad-dmirijiet tagħkom ta' pulizija, sabiex niżżikom ħajr tax-xogħol li għamiltu. Tas-sew li intom qatt ma sibtu ruħkom f'taqbid ma' paraxutisti, iżda jien żgur li kieku ġietkom l-okkażjoni intom kontu taqdu dmirijietkom b'dik il-ħeġġa u effiċjenza li huma l-karatterstiki tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Jien ukoll żgur li kemm-il darba tkunu meħtieġa mill-ġdid biex tagħtu s-servizzi tagħkom għall-ħarsien ta' pajjiżna u ta' l-Imperu, intom terġgħu tiġu mimlijin bil-ħeġġa bħal qabel.

### Li 'Specials'

Kważi f'dil-ħidma kollha l-Pulizija sabet l-għajnuna siewja ta' li Special Constables. Dawn jafu l-bidu tal-ħajja tagħhom mit-12 ta' Mejju li għadda meta l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur ħabbar 'li għandu jitwaqqaf korp ta' pulizija speċjali. Il-ħsieb ewlieni kien li jinġabru 1,000 ruħ. Ftit jiem wara li bdew jinġabru r-rekluti, il-Kummissarju tal-Pulizija għamel sejħa hu nnifsu u l-għadd ta' dawk li applikaw tela' sa 2,300. Għadd sabiħ tassew. Kapijiet ta' Dipartimenti u nies tal-ħwienet, Diretturi ta' Kumpanniji u avukati, studenti ta' l-Universita u ħaddiema, kulħadd ried jagħmel sehmu biex igħin il-Kawża tan-Nazzjon.

Il-lum hemm aktar minn 1,800 'Special' u 49 Spetturi jaħdmu fl-ibliet u fl-irħula u 1,428 'Specials' oħrajn jinsabu taħt it-treġija ta' 29 mexxej u qed jaqdu dmirhom fl-Uffiċċji, fil-Fabbriki, fil-Banek, eċċ. Kollha kemm huma ħadu l-ġurament. L-Uffiċjali ngħażlu minn fost l-għalliema tad-Dipartiment ta' l-Iskejjel tal-Gvern u 'in charge' tagħhom tqiegħed Suprintendent tal-Korp Regulari.

Il-Kummissarju tal-Pulizija għamel lill-Ispetturi għadd ta' lectures, u minn żmien għall-ieħor is-Suprintendent u l-Ajjutant tiegħu għamlu lil li 'Specials' kunferenzi u lectures dwar id-dmirijiet tal-pulizija in ġenerali. L-Ispetturi kollha tħarrġu fl-użu tar-revolvers.

Li 'Specials' qegħdin jagħtu xogħol mill-aħjar, bħalma ngħidu aħna, joqogħdu għassa ma' bini meħtieġ (ġibjuni, imħażen, imkejjen fejn tintrefa' l-muna eċċ). Waqt l-Air Raids huma jaraw li kulħadd jidħol jiskenn u li ħadd ma joħroġ barra qabel ma jingħata s-sinjal ta' 'kollox sewwa'. Hekk ukoll huma jaraw li kulħadd jobdi l-ordnijiet tal-Curfew u tar-Restrizzjonijiet fuq id-Dawl.

Qabel ma nħatru l-Protection Officers u d-District Commissioners, fuqhom kienet waqgħet il-biċċa l-kbira tax-xogħol biex jaħsbu għar-rifuġjati u jorganizzawlhom fejn imorru joqogħdu. Imma huma ma ħasbux biss f'dan, iżda wkoll għat-trasport, għall-ikel, għas-saħħa, l-indafa u l-ġid tar-rifuġjati. Li 'Specials' għadhom jagħmlu dmirhom f'xi shelters u f'postijiet tar-Rifuġjati u jgħinu lill-Proteciton Officers fit-tqassim ta' l-ikel, fit-tħejjija taċ-ċensimenti, eċċ. Huma wkoll jagħtu daqqa t'id lid-Dipartimenti billi jqassmu formoli u jiġbru aħbarijiet li jkunu jinħtieġu minn żmien għall-ieħor. Li 'Specials' swew ta' għajnuna lill-pulizija regulari biex irażżmu xi offiżi żgħar li jolqtu l-Malta Defence Regulations u f'xi każi jew tnejn huma kienu li kixfu xi ħtijiet kbar.

Il-ħajja ta' Pulizija mhix xi ħajja mgħoddija bla taħbit, iżda l-Korp tal-Pulzija tagħna hu organnizat hekk tajjeb u iddixxiplinat hekk li aħna nistgħu nibqgħu żguri li dmirha l-Pulizija tibqa' taqdih sa l-aħħar. Fizzjali u nies oħra tal-Pulizija diġa ħasslu tifħir mill-Awtoritajiet għall-ħidma li wettqu b'sogru kbir ta' ħajjithom. Mill-anqas pulizija regulari u ieħor riżervista diġa ħallew ħajjithom waqt li kienu qed jaqdu dmirhom.

B'xhieda ċara bħal din u b'record bħal dan ta' ħidma, il-Pulizija ta' Malta nistgħu nafdaw fihom, u għaż-żmien li ġej, bħalma diġa wrew fl-imgħoddi, huma jinsabu mħejjija biex jaqdu kull dmir li għalih in-Nazzjon isejħilhom f'din it-taqbida ta' mewt jew ħajja għall-ħelsien u għall-ħaqq.

# BUPA Malta
## Private Hospital
# Scheme



## L-Iskema Tal-BUPA għall-Isptarijiet Privati

Il-BUPA żviluppat skema għall-kura fl-Isptarijiet Privati speċifikament għaċ-ċirkostanzi ta' Malta u Għawdex. Din hija skema li tipprovdi protezzjoni kompleta għall-kura medika privata, inkluża l-kura kollha li tkun tinħtieġ ġo sptar privat. Bla ma jkollok għalfejn tagħmel l-ebda pagament inti - għaliex il-BUPA tħallas direttament lill-isptarijiet u l-kliniċi privati.

Permezz ta' l-iskema jkollok protezzjoni sa mill-ewwel vista għand it-tabib, tul il-kura fl-isptar u wkoll wara.

Barra minn hekk issib li r-rata tas-sottoskrizzjoni fl-iskema tal-BUPA għall-kura fl-Isptarijiet Privati hija raġonevoli ħafna, filwaqt li hemm diversi modi kif tista' tħallas.

Din l-iskema tal-BUPA tagħmilha possibli li wkoll inti u l-familja tiegħek tgawdu l-benefiċċji tal-kura fi sptarijiet u kliniċi privati - bil-vantaġġi kollha li din iġġib magħha.

- **Il-BUPA hija l-organiżazzjoni ewlenija fir-Renju Unit - u waħda mill-ewlenin fid-dinja - fost dawk li jipprovdu għall-kura medika privata.**
- **Il-BUPA tipprovdi protezzjoni lil aktar minn 3.5 miljun persuna madwar id-dinja, u lil aktar minn 50,000 f'Malta u Għawdex.**
- **Il-BUPA ntroduċiet skemi għall-kura medika privata f'Malta sa mill-1971.**
- **Il-BUPA għandha l-isptarijiet tagħha filwaqt li ntroduċiet it-testijiet għas-saħħa fir-Renju Unit.**

BUPA Malta

Biex tikseb informazzjoni sħiħa dwar l-iskemi tal-BUPA, jekk jogħġbok ċempel issa jew ibgħat għal dettalji billi timla l-kupun u timpustah lil: BUPA Malta, BUPA House, 32 Triq San Pawl, Valletta VLT 07. Tel: 244162 Fax: 234795.

**Jiena nteressat li nkun naf dwar il-protezzjoni tal-BUPA għal kura medika privata:**

- ☐ **fi SPTARIJIET PRIVATI**
- ☐ **fi KLINIĊI PRIVATI**
- ☐ **f'MALTA, GĦAWDEX, IR-RENJU UNIT**
- ☐ **f'KULL PAJJIŻ (inklużi Malta u Għawdex, imma bl-eċċezzjoni ta' l-Istati Uniti u l-Kanada)**
- ☐ **f'KULL PAJJIŻ**

Jiena nteressat li nifforma grupp tal-BUPA għal _____ impjegati, bi protezzjoni f' _________ (semmi pajjiż jew pajjiżi).

Isem: ______________________________

Indirizz: ______________________________

______________________________

______________________________ Tel: ____________

E

# Apprezzament

Kien nhar is-Sibt 8 ta' Marzu 1997 għal xi 13.45 meta appena wasalt id-dar il-mara tiegħi qaltli bl-aħbar xejn sabiħa li s-Sur Harrison miet ftit tal-ħin ilu.

Għalkemm kont naf li dan l-aħħar ma tantx kien tajjeb, ksaħt u bdejt ngħid, imma kif jista' jkun bniedem jispiċċa hekk. Pero l-mewt kiefra u ma taħfira l-ħadd. Kbar, żgħar, sinjur, fqir. U hekk waslet il-ġurnata li fiha ħasdet il-Harrold minn din id-dinja bogħod mill-ħbieb, mill-familjari tiegħu speċjalment l-għażiża martu li tant ħadet paċenzja bih matul il-marda qerrieda.

Nemmen li Harrold aċċetta li kellu b'dinjita u sagrifiċċju li jiena ċert il-Bambin dan japprezzah.
Niftakar meta dħalt fil-Pulizija u sirt naf il-Harrold Harrison bħala s-surġent tal-R.S.M. Kien jieħu ħsieb id-dixxiplina tar-rekluti kollha li kienu jidħlu fil-Pulizija Kien jaqdi d-doveri tiegħu bl-akbar serjeta u fuq kollox b'dik id-dixxiplina li kull Pulizija jinħtieġ li jkollu. Naf li s-Sur Harrold dan baqa' jagħmlu sa qabel ma marad. Bqajt naf il-Harrold anke wara r-reklutaġġ mill-qrib, għaliex kont għal xi 14-il sena fil-kontinġent tal-Parata tal-Pulizija, peress li hu kien li jħarriġna dak kollu li kien jeħtieġ. Ta' dan kollu jien nixtieq nirringrazzjak għad-dixxiplina li komplejt tibni, fuq id-dixxiplina li kont ħadt mingħand il-ġenituri tiegħi.

Ma nistax ninsa dawk il-Parati kollha li għamilna flimkien fix-Xagħra tal-Furjana f'dik is-sħana, il-Belt, Verdala etc. Bis-saħħa tiegħek konna stakkament formidabbli li dejjem ħriġna bl-unuri kollha. Kont nieħu gost bik għall-'ismartness' li kont magħruf għaliha. Kont ngħid u għadni ngħid li kieku l-Pulizija jixbħu lilek kemm fid-dixxiplina kif ukoll jikkopjaw is-serjeta tiegħek fuq ix-xogħol, kieku l-Korp ikun veru korp li jirrispettah il-poplu kollu.



J'Alla issa l-Bambin jippremjak tax-xogħol li inti għamilt u ta' l-eżempji tajba li inti tajt matul il-karriera tiegħek fil-Korp tal-Pulizija li tant kien għal qalbek.

*Grazzi ta' kollox Harrold*
***Ex PS 500 Lawrence Mallia.***

# Police Academy Publications 1991-1996

1. An Aid To The Presecution of Criminal Offences.
2. Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) 1968-1990
3. Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Liġi dwar l-Istampa. 1988-1991.
4. Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sedx Superjuri) 1985-1988
5. Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali 1985-1990
6. Handbook of Regulations for Police Officers.
7. Ġrajjiet il-Pulizija-Lawrence Muscat.
8. History of the Malta Police Force (1) Supt. Mario Mifsud Tommasi B.A., L.P.
9. Judgements of the Constitutional Court 1987-1991.
10. Protection of the Environment Legislation.
11. Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali 1991
12. Prostitution. Family Law.
13. Traffic Legislation and case-law.
14. A Caring Society in a Changing World.
15.Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. 1992
16. Drug Abuse Legislation and case-law.
17. Fraudstop and case-law.
18. Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali 1981.
19. Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali 1983.
20. Police Code of Conduct.
21. Joseph Connell vs The King Privy Council Appeal Judgment. Accused's Voluntary Statement.
22. Eric Strolege vs The King. Privy Council Judgement. 3.7.1943
23. Police Functions, Powers and Duties. Case-law. Dr Mario Demarco LL.D.
24. Delitti Ċelebri mfissra b'versi tal-fatt. 1835-1900
25. Delitti Ċelebri mfissra b'versi tal-fatt. 1901-1950.
26. Appelli Krimanli 1929
27. Appelli Kriminali 1930
28. Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali 1993(1)
29. Inspector Carol Saliba (1890-1891) Insp. L. Bonnici (1923-1948) Biography
30. Appelli Kriminali 1928
31. Appelli Kriminali 1931.
32. History of the Police Force (2)
Supt Mario Mifsud Tommasi B.A., L.P.
33. Espinage Trials in Malta. 1934-1936
33A. Collezione di Bandi. 1784-1813
34. R vs George Terreni. The Ghallis Tower Murder Trial.
35. Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali 1994.
36. Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali 1982-1984.
37. Subsidiary Legislation 1959-1995.
Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali 1993 (2)
38. Alfred Gerada Caroonist (1) 1932-1938.
39. Alfred Gerada Cartoonist (2) 1932-1938.
40. The Manderaggio. Tiġrija ta' Santu r-Rokku. Malta u l-Pesta.
41. Police Re-organization Reports
42. Malta. Political and Social History. Cartoons. Volume I. 1921-1933.
43. Malta. Political and Social History. Cartoons. Volume II. 1932-1938.
44. Malta. Political and Social History. Cartoons. Volume III. 1933-1939.
45. Malta. Political and Social History. Cartoons. Volume IV 1901-1950.
46. Malta. Political and Social History. Cartoons. Volume V. 1940-1950
47.Malta. Political and Social History. Cartoons. Volume VI 1951-1960
48. Malta. Political and Social History. Cartoons. Volume VII 1869-1870.
49. Malta. Political and Social History. Cartoons. Volume VIII 1950-1960
50. Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. 1995 (1)
51. Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. 1995 (2)
52. Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. 1995 (3)
53. Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. 1996 (1)
54. Deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. 1996 (2)

# Qattiela Famużi - It-tielet parti

mill-Ispettur Ronald Cilia

### Carl Panzram

Wara li kien instab ħati ta' diversi attakki sesswali, serq u omiċidji Carl Panzram ma kellux paċenzja jistenna li jiġi mgħallaq. Kien qal dawn il-kliem lill-bojja f'Fort Leavenworth, Texas, fl-1930 - 'Sakemm qegħdin titilfu ż-żmien, jiena kont nilħaq ngħallaq tużżana minn nies.' Il-ħajja ta' Panzram kienet ta' instabbilta u mibeda, kien jgħid - 'nobgħod ir-razza kollha, inkluż lili nnifsi'. Prova ta' dan il-kliem kien il-fatt li qatel aktar minn 21 persuna u kkommetta eluf ta' serqiet.

Wara li kien ikkundannat għal 25 sena ħabs f'Fort Leavenworth, ħalef li joqtol l-ewwel persuna li tikkontrollah. Il-ħalfa li kien għamel wettaqa ftit wara meta fil-ħabs stess qatel ħabsi ieħor. Panzram kien ikkundannat għal mewt u qal - 'qiegħed nistenna l-mument b'ħerqa kbira bħala sodisfazzjon u serħan kbir.'

### Leonard T. Fristoe

Leonard Fristoe għamel 46 sena maħrub mill-ħabs wara li fl-1920 kien ġie kkundannat għal għomru l-ħabs fuq akkuża li kien qatel żewġ Pulizija. Huwa kien serva biss tlett snin mill-piena qabel ma rnexxielu jaħrab mill-ħabs. Fl-eta ta'77 sena Fristoe kien reġa ġie arrestat f'Compton, California, wara li ibnu stess kien kixfu mal-Pulizija.

### Bruno Ludke

Bruno Ludke mwieled il-Ġermanja kkommetta xejn anqas minn 85 omiċidju qabel ma ġie arrestat fl-1943. Minn mindu kellu 18-il sena kien joqtol, jisraq u jivjolenta sesswalment il-vittmi tiegħu. Meta ma kienx isib persuni biex jissodisfa l-għatx tiegħu kien idur lejn l-annimali billi jittorturhom. Fl-aħħar meta Ludke kien ġie arrestat, l-S.S. tal-Ġeneral Himmler sterelizzawh. Meta kien ammetta għall-atti kriminali, il-prosekuzzjoni ndunaw li f'ħafna mill-każijiet, persuni oħra kienu ġew ikkundannati bi żball għad-deliti li kien ikkommetta Ludke. L-iskandlu kien inżamm moħbi u Ludke kien ġie mibgħut fi sptar fejn kienu saru diversi provi mediċi fuqu. Ludke kien miet fl-Isptar fis-sena 1944.

### Gilles de Rais

Gilles de Rais li kien fl-armata ta' Franza kien jissodisfa l-għatx sesswali tiegħu fuq it-tfal billi wara kull att sesswali kien jittortura jew jaqta' l-irjus tal-vittmi tiegħu. Aktar minn 120 tfal kienu sfaw vittmi ta' dan il-monstru u kollha kienu ġew maqtula brutalment. Fl-1940 Gilles de Rais kien ġie mgħallaq u maħruq.

### Alberto De Salvo

F'Ġunju, ta' l-1962, il-Pulizija ta' Boston kienet ġiet imsejħa fuq omiċidju ta' mara żagħżugħa li ġiet maqtula fgata b'kalzetta fid-dar tagħha stess. Dan kien l-ewwel delitt minn sensiela ta' delitti li kellhom ikexkxu l-Belt ta' Boston għal madwar 18-il xhar sħaħ. Minn tlettax-il omiċidju, ħdax minnhom instabu maqtula b'kalzetta mdawra ma' għonqhom, waħda nstabet maqtula b'daqqiet ta' sikkina u l-oħra nstabet mejta x'aktarx b'attakk ta' qalb f'idejn il-qattiel. Wara dawn is-sejbiet il-qattiel ħa l-isem ta' 'The Boston Strangler'. Il-mewġa ta' delitti bdew fl-1962 u minkejja l-formazzjoni ta' skwadra speċjali mill-Pulizija magħrufa bħala 'Strangler Squad' dawn l-omiċidji baqgħu sejrin sa l-1964. F'kull każ il-vittmi ġew maqtula f'darhom stess u l-qatiel kien jidħol fid-dar billi jippoża ta' ħaddiem domestiku. }afna mill-vittmi



nstabu nofshom imneżża u sesswalment molestati.

Wara ħafna stħarreġ il-Pulizija arrestat lil Alberto De Salvo ta' 32 sena, ex-boxer fl-Armata Amerikana. De Salvo kellu passat kriminali ta' offiżi sesswali u kien għadu ħiereġ minn sentenza ta' sitt xhur ħabs.

Fl-1964 De Salvo kien intbagħat fi sptar mentali f'Massachusetts, fuq akkużi ta' offiżi sesswali. Waqt li kien l-isptar ammetta mal-psikjatru Robert Mezer, li kien il-Boston Strangler. Saru aktar stqarrijiet mal-Pulizija u t-tobba fejn De Salvo ta' dettalji dwar il-vittmi. Dawn id-dettalji kienu tant ċari li ġie stabbilit li ħadd anqas mill-qattiel ma seta jagħti dettalji hekk ċari tal-fatti.

Id-dettalji miġbura li setgħu jikkundannaw lil de Salvo bħala l-Boston Strangler ma ġew qatt mismugħa quddiem il-Qorti għax Albert De Salvo kien ġie maqtul fil-ħabs ta' Walpole State, Massachusettes minn tlett priġunieri oħra mingħajr ma laħaq għadda ġuri fuq l-akkużi.

# Millie

## Reviving Nature



**A natural oak kitchen**
**to give your home character and charm**

**fino**®

C. FINO + SONS LTD
Mriehel

# Ideal Standard



## The Finest Bathrooms in the World

Ideal Standard have always lived up to their name, maintaining a standard of excellence producing comfortable, durable, practical and beautiful bathrooms. Exquisite craftsmanship combined with technical precision and over 100 years of experience have put Ideal Standard bathrooms in a class of their own, making them not only the finest, but the largest bathroom manufacturers in the world.

**Exclusively represented by:**

**ROGER SATARIANO & SON LTD.**

**AGENTS, DISTRIBUTORS, IMPORTERS & CONTRACTORS**

**Msida Valley Road, B'Kara. Tel: 442769, 491017, 448628, 492548. Fax: 497017.**